

# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

---

Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,
"Madonna Ta' Pinu"
Ċentru Kulturali Marjan
Ta' Pinu, Għawdex.
Nru. tal-Tel.: 556187

---

**Abbonament għal sena**

Lokali: 60c
Sostenitur: £M1.

Barra minn Malta: £M1.
Sostenitur: £M2.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex bil-għajnuna ta' Marija, Kristu jitwieled fil-qlub tal-bnedmin kollha.

**Gozo Press.**

SENA I — Nru. 4

**Ottubru — Diċembru 1980.**

---

**F'DIN IL-ĦARĠA:**


| | |
|---|---|
| * Il-Kelma tar-Rettur | 97 |
| * Is-Sehem tal-Familja Gourgion | 98 |
| * Il-Midalja Mirakuluża | 102 |
| * Kronaka tas-Santwarju | 106 |
| * Innu lill-Madonna ta' Pinu | 110 |
| * Fidi u Tiġrib | 111 |
| * It-Tliet Aspetti tal-Milied | 113 |
| * Brother Frank Duff | 115 |
| * Our Lady's Place in Christian Life | 118 |
| * Ċeklem Ċeklem sa Ta' Pinu | 121 |
| * Ċentru Kulturali Marjan | 125 |
| * Is-Sliem Għalik | 128 |


---

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-Istampa tal-qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna ta' Pinu kellmet littwajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fil-1935.

# Il-Kelma tar-Rettur

*Iż-żmien għaddej, ix-xahar tal-Milied huwa magħna. Dalwaqt nibdew naraw il-vetrini tal-ħwienet illelxu bil-ħajt tal-fidda u tad-deheb u bi dwal ta' kull lewn. Kultant naraw ukoll xi vetrina mimlija pasturi, b'xi tifel iħares u jifli biex jara liema wieħed l-aktar li jogħoġbu ħalli jixtrih għall-presepju tiegħu. Ma' dawn naraw ukoll is-siġra tal-Milied, għax mhux lil kull ħadd togħoġbu l-ideja li jkollu presepju jew Bambin id-dar fil-granet tal-Milied. Ikun hemm min ftit tinteressah din il-ħaġa u jkun hemm ukoll min ikollu xi ħbieb li ma jkunux tat-twemmin tiegħu u biex ma jdejjaqhomx jew biex jidher sabiħ magħhom jippreferixxi li jpoġġi lil Ġesù fil-ġenb.*

*U meta jasal il-Milied nibdew naraw għadd ta' djar imżejjna b'xi presepju jew Bambin żgħir. Naraw lil Ġesù imfisqi fi ftit ħwejjeġ, iħares lejna, jitbissmilna u b'idu merfugħa biex iberikna ... qed ikellimna. Qed iwissina biex ma ninsewx li huwa twieled għalina u għall-bnedmin kollha li jinsabu fid-dinja, għal tant tfal li qegħdin ibatu l-ġuħ fit-tielet dinja, għal tant bnedmin li mhumiex normali, għal tant żgħażagħ maħkumin mid-drogi, għax-xjuħ li qegħdin imutu u m'għandhomx min idur bihom, għal dawk li huma mmankati, għal dawk li huma sfruttati, għal dawk li qegħdin isofru minħabba t-twemmin jew politika tagħhom, jinsabu fejn jinsabu huma ta' liema kulur huma.*

*Ma' Sidna Ġesù spiss naraw ukoll lil Ommu Marija, tikkontemplah u tippreżentah lir-rgħajja, nies li forsi huma disprezzati għax jgħaddu ħajjithom mal-annimali, għaliex biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom ma għandhomx ħlief il-ħatra li jkollhom f'idejhom, nies li ġie li kienu meqjusa bla liġi u bla Alla.*

*Min jaf li kieku Ġesù kellu jerġa' jiġi illum lil min kien isejjaħ l-ewwel!!*

*J'Alla t-tifkira tal-miġja ta' Ġesù fid-dinja tqanqal mill-ġdid il-kuxjenza tagħna u timla l-qalbna bil-vera hena mnissla minn imħabba qawwija lejn Alla u lejn għajrna.*

**Mons. Benedett Camilleri.**

# IS-SEHEM TAL-FAMILJA GURGION

Fis-sena 1676, in-nobbli Capitano di Verga Giovanni Gourgion, flimkien ma' martu Elena Muscati, li bit-titolu tad-dota taż-żwieġ kienu saru possessuri tal-art li fiha kienet tinsab il-knisja żgħira Ta' Pinu, meta rawha fil-periklu li tiġġarraf, reġgħu bnewha mill-ġdid, spejjeż tagħhom, u tawha xi oġġetti meħtieġa għall-kult. (14) Imbagħad, fit-22 ta' Settembru, 1676, għamlu rikors lill-Isqof li fih fissrulu x'passi kienu ħadu u talbuh sabiex il-knisja terġa' tinfetaħ għall-qima tal-insara. Il-koppja Gourgion, fl-istess rikors, obbligat ruħha li tagħti lill-knisja dak kollu li jkun hemm bżonn, li ssewwi l-ħsarat li jsiru fil-bini, kif ukoll li tagħti annwalment is-somma ta' tliet skudi sabiex tkun tista' tiġi ċċelebrata l-festa ta' kull sena.

Il-Pro-vigarju Dun Gio. Marija Vella, fil-25 ta' Settembru, 1676, kiteb relazzjoni favur ix-xewqa ta' Gourgion. F'din il-kitba, il-Pro-vigarju qal li huwa sab li l-bini tal-knisja kien ġie rranġat, u li hija kellha wkoll il-bieb u ċ-ċimiterju. L-Isqof ta' Malta, Fra Lorenzo Asturia (spanjol) qagħad fuq ir-relazzjoni tal-Pro-vigarju u b'digriet li jġib id-data tat-2 ta' Ottubru, 1676, laqa' t-talba tal-familja Gourgion u reġa' ppermetta l-kult fil-knisja, però bil-kundizzjoni li huma jieħdu ħsieb li jħallsu l-ispejjeż li jkun hemm. (15)

Sabiex ikomplu l-wegħdiet tagħhom, Giovanni u Elena Gourgion, fl-atti tan-Nutar Pietru Attard tat-8 ta' Ottubru, 1676, ħallew pensjoni perpetwa ta' tliet skudi favur il-knisja ta' Pinu u, bħala garanzija biex titħallas din il-pensjoni, ipotekaw il-ġid kollu tagħhom. (16)

Fl-atti tal-viżta pastorali ta' Mons. Michele Girolamo Molina (spanjol) magħmula fis-sena 1678, jissemma l-fatt li l-knisja ġiet mibnija mill-ġdid mill-familja Gourgion, kif ukoll id-donazzjoni li huma għamlu favur tagħha. Fl-atti ta' dik il-viżta, tinsab mhux biss id-deskrizzjoni tal-mobbli u oġġetti mogħtija mill-benefatturi li sem-

mejna, iżda l-Isqof Viżitatur ordna wkoll li jiġi mdaħħal fihom bla ma jitħalla xejn barra, l-istess kliem tad-dokument tad-donazzjoni. (17)

Dawn is-sidien tal-art fejn hija mibnija l-knisja, meta ġew biex iżewġu waħda minn uliedhom Donna Anna Antonia Gourgion lill-Illustrissimu u Nobbli Don Gio. Pio De Piro, kif jidher mill-atti tan-Nutar Aloisio Dello Pie tas-27 ta' Settembru, 1693, tawha bħala dota fost ħwejjeġ oħra, ir-raba ta' Għammar, bil-knisja li tinsab fih, bl-obbligu però li jħallsu tliet skudi fis-sena lill-Kappillan tal-Knisja parrokkjali tal-Għarb biex jiċċelebra l-festa f'dik il-knisja. Fl-istess att, is-sinjuri li taw id-dota lil binthom Anna Antonia Gourgion, waqqfu fidelcommesso perpetwu favur l-ulied u d-dixxendenti tal-familja ġdida De Piro. (18)

Is-sitwazzjoni tal-kappella ta' Pinu hija msemmija wkoll fl-atti ta' Viżti pastorali oħra, bħal ma huma dawk magħmulin minn Mons. Davide Cocco Palmier (kalabriż) fl-1699 u minn Mons. Fr. Bartolomeo Rull (minn Majorca) fl-1760. Mill-atti ta' dawn iż-żewġ viżti jirriżulta li l-insara ta' dawk l-inħawi kienu jagħtu offerti sabiex iżommu l-lampier jixgħel quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Jidher ċar ukoll li fil-jum tal-festa fil-kappella kienu jiġu ċċelebrati l-Primi Vespri u l-Quddiesa Kantata. Il-Kappillan tal-Għarb, kien jieħu ħsieb li, barra mill-funzjonijiet li semmejna, isiru żewġ quddisiet letti. (19)

Għad li ż-żmien imermer u jeqred kollox, iżda kull tant kienu jinqalgħu xi benefatturi li ndaħlu biex isalvaw il-kappella mill-ħerba li kienet theddidha. Hekk fl-1834, Tumas Cassar, bil-flus li ħareġ huwa stess u li ġabar minn għand xi persuni ġenerużi, għamel minn rajh xi tiswijiet fil-kappella. Is-sies li fuqu kien mibni l-ġenb tat-tramuntana tal-kappella kien fil-periklu li jċiedi u l-ħajt ta' fuqu kien jista' jinqaleb għal isfel bi ħsara kbira għall-bini.. Sabiex dana ma jiġrix, Tumas tella' qoxra tal-ġebel mas-sies u saħħaħ il-bini kollu.

Fl-1840, kien jieħu ħsieb il-kappella Dun Ġużepp Cassar, saċerdot twajjeb li kien joqgħod fil-qrib. Dan bena sagristija żgħira fuq in-naħa tal-lvant u b'hekk saħħaħ il-ħajt tal-knisja minn dan il-ġenb. L-ispejjeż li saru f'din l-okkażjoni, biċċa ħariġhom minn butu u biċċa tawhomlu d-devoti tal-kappella.

żmien wara, jiġifieri fl-1862, l-istess saċerdot għamel rikors lill-Isqof Mons. Fr. Gaetano Pace Forno O.S.A. sabiex jingħata l-permess ħalli jbiegħ ċerti oġġetti tad-deheb, li kienu daħlu bħala wegħdi, u li juża l-erba' u għoxrin skud li jdaħħal minnhom għat-tiswija tal-kappella. (20) L-isqof qabel ma laqa' r-rikors ta' Dun Ġużepp Cassar, talab relazzjoni lill-Arċipriet tal-Għarb.

Il-fatt li kien hemm xi oġġetti tad-deheb, mogħtija b'wegħda, juri li anke f'din l-epoka, kien hemm ċerta devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.

Però, fl-atti tal-vista pastorali tal-Isqof Mons. Pietru Pace, li saret fis-snin 1883-84, jingħad li kemm fil-knisja, kif ukoll l-artal u l-oġġetti sagri kienu fi stat ħażin ħafna u la kien hemm kalċi u l-anqas ilbies tal-Quddiesa. Iżda, peress li l-fondi tal-knisja kienu limitati, l-Isqof viżitatur ma seta' jieħu ebda passi biex il-kappella tiġi restawrata. (21)

Wara dan it-taqlib li ġara mal-medda ta' iktar minn tliet sekli, wara dawn l-epoki ta' dawl u ta' dlam li jintisġu ma' xulxin, issa kien imiss li, għall-kappella ta' Pinu, jibda perijodu ta' dawl qawwi li jibqa' dejjem jixgħel bla qatt ma jintefa. Meta wieħed iżomm quddiem għajnejh il-ġrajjiet u d-diffikultajiet li għaddiet minnhom din il-knisja antika, żgur li jistagħġeb kif irnexxielha tibqa' teżisti wara dak iż-żmien kollu u ma nqerditx kif inqerdu kappelli oħra li forsi kienu akbar u iktar fil-qabda minnha. Iżda min jemmen, jintebaħ bla tbatija li, skond il-pjani tal-Provvidenza t'Alla, din il-kappella kienet iddestinata biex fiha jitwettqu ġrajjiet l-iktar glorjużi, kif ser ngħidu fit-taqsimiet li ġejjin.

**RIFERENZI:**


(14) Dokument konservat fl-arkivju parrokkjali ta' l-Għarb: "Memoria sui Diritti dell'Illmo e Nobile Marchese F. S. De Piro sulla Venerata, Chiesuola 'Ta' Pinu' ". Avukat B. Ullo Xuereb, 6 dicembre, 1887.

(15) Can. Farrugia; Op. Cit. pp. 6-7.

(16) Memoria. Avv. B. U. Xuereb.

(17) Atti tal-Viżta Pastorali ta' Mons. Michele G. Molina fit-22 ta' Novembru, 1678; (paġ. 72) "Item visitaverunt aliam Ecc.am subtitulo Assumptionis B.V.M.

vulgo Ta' Pinu reaedificatam per Dnum Ioannem Gorgion in contrata ta' Hammar.........in dicta Ecc.a celebratur missa diebus festivis de praecepto exceptis quadragesimae et adventus, ex obligatione supradicti Joannis Gorgion, et ejus consortis facta in actis Not.ii Petri Attardi sub dei octavo mensis Octobris XVae Ind. 1676.

(18) "Memorai sui diritti" Avv. B. Ullo Xuereb.

(19) Atti tal-viżta pastorali ta' Mons. Rull 1760.

(20) "Memoria ......" Avv. B.U. Xuereb.

(21) Atti tal-Viżta Pastorali ta' Mons. Pietru Pace: "Tum fabricam ipsam, tum altare, tum etiam suppellectilia in deteriore statu versari; calicem etiam et sacra indumenta deese cognovit. Sed cum redditus nulli sint ecclesiae, praeter melitensia scuta tria, quae vix sufficiunt ad Missam, cum cantu ex fundatione 15 Augusti singulis annis celebrandam, Dominus Episcopus nihil duxit in praesenti praescribendum."

**IL-BORD EDITORJALI**
**TAR-RIVISTA**
**"MADONNA TA' PINU"**
**JIXTIEQ**
**MILIED HIENI**
**U SENA ĠDIDA MIMLIJA RISQ**
**LILL-QARREJJA KOLLHA**
**U LILL-BENEFATTURI**
**TAS-SANTWARJU TA' PINU.**



# IL-MIDALJA MIRAKULUZA

## 150 sena minn meta Sidtna Marija tat dan ir-rigal lil Santa Katerina Laboure'

### 1830-27 ta' Novembru-1980

Minn M. F. B.

Kien fl-1830 meta l-Madonna dehret f'Parigi. Jgħidilna Fr. Joseph I. Dirvin C.M. fil-ktieb tiegħu fuq Santa Katerina Laboure', Sidtna Marija ma marretx fil-kobor tal-Katidral tagħha ta' Notre Dame, imma fi triq dejqa u mwarrba, Rue du Bac, fejn f'numru 140 tinsab il-Casa Madre tas-sorijiet tal-Karità ta' S. Vinċenz De Paul.

**(Suor) Katerina Laboure'**

Fil-kunvent qadim ta' din il-komunità f'April ta' l-1830 kienet waslet minn Chatillon xebba ta' 24 sena biex tibda n-novizzjat. Katerina Labore'. Din iż-żagħżugħa twieldet f'raħal żgħir f'Burgundy, jismu Fain-les-Moutiers. Missierha, Pier Laboure' kien bidwi tat-tajjeb; ommha Louise Gontard, kienet mara tajba u omm eżemplari. Katerina, kif semmewha, tgħammdet fit-3 ta' Mejju 1806, l-għada tat-twelid. Hi kienet id-disa' waħda fost il-ħdax l-aħwa Laboure'.

Il-familja Laboure' kienet gawduta, avolja kbira għax kulħadd kien jaħdem bil-qalb. Il-missier u s-subien kienu jaħdmu fl-għelieqi. Fid-dar Madame Laboure' kienet tgħallem lill-bniet iħitu, isajru, inaddfu, kif ma jaħlux u kif ifaddlu. Imma s-salib ma jonqosx. Fl-1815, meta Katerina kellha disa' snin ommha mietet. Hi kienet fl-eta' li tifhem x'kienet tfisser din it-telfa u għalhekk bkietha bil-qalb lil ommha. B'danakollu għarfet tikkontrolla id-dwejjaq u fittxet il-faraġ tagħha fil-Mamma tas-sema. Tgħidilna l-istorja tagħha li ftit wara l-mewt t'ommha, Katerina telgħet fuq is-siġġu, niżżlet l-istatwa tal-Madonna li kien hemm fuq xkaffa tal-kċina u waqt li bdiet tgħannaqha magħha qaltilha: "Issa għażiża Omm mqaddsa, inti trid tkun Ommi!" U hekk kien, għaliex minn dak inhar 'l quddiem Marija kienet omm Katerina u hi saret il-bint ta' Marija. Għal Katerina, il-Madonna kienet waħda mill-familja tagħha bħal ma kienu missierha u ħutha. Wara l-mewt ta' ommha u wara li oħtha Louise, l-akbar fost il-bniet daħlet mas-Sorijiet tal-Karità, Katerina, tifla ta' tnax-il sena saret il-mara tad-dar. Ma kienetx ħaġa ħafifa għal tifla hekk żgħira li tieħu ħsieb id-dar, imma Katerina kienet tagħmel kollox bil-għaqal. Kienet tqum mat-tbexbix, issajjar, taħsel, issewwi. Kienet tieħu sehem fil-laqgħat tar-raħal, fil-festi u kienet issib iż-żmien iżżur lill-morda u l-batuti. Imma l-akbar sfog tagħha kien li żżur il-knisja tar-ra-

ħal, Il-ħin liberu li kien ikollha, kull waqt li kienet tista' teħles mill-faċendi tad-dar, kienet tgħaddih fil-kappella tal-Madonna.

**Is-Sejħa għal Soru**

Ta' tnax-il sena, wara li tgħallmet sewwa d-Duttrina, għamlet il-Preċett fil-Knisja ta' Fain u kull fil-għodu, wara li kienet thejji l-kolazzjon għal missierha u ħutha, Katerina kienet tmur tisma' quddiesa. Billi fir-raħal ta' Fain ma kienx ikun hemm quddies kuljum, hija kienet tmur fir-raħal tal-qrib, Moutiers-St. Jean, fejn is-Sorijiet tal-Karità kellhom sptar. Mal-ġibda għall-knisja fiha kibret is-sejħa għall-ħajja reliġjuża. Hi qatt ma riedet tkun xejn ħlief soru u għalhekk kienet tiċħad kull proposta għaż-żwieġ.

Meta għalqet it-tnejn u għoxrin sena, ħasset li dmirha lejn missierha kienet qdietu sewwa. Min-naħa l-oħra oħtha ż-żgħira Toinine kienet saret xebba ġmiela u kellha għoxrin sena, għalhekk setgħet tieħu ħsieb hi d-dar. Għalhekk Katerina għamlet kuraġġ biex tkellem lil missierha fuq il-vokazzjoni li kellha. Imma hu bl-ebda mod ma ried iħalli lil bintu tinqafel f'kunvent. Għalhekk biex forsi jġegħlha tbiddel fehmitha, bgħatha taħdem f'restaurant li ħuha Karlu kellu f'Pariġi. Katerina, meta kienet isservi fil-ħanut ta' ħuha, ma kienetx tiċċaċra mal-klienti, iżda kienet taqdi lil kulħadd bil-ġentilezza u bl-akbar mistħija u fl-istess ħin titlob lil Alla jeħlisha minn dak il-post.

Din il-prova damet biss għal ftit xhur. Mart Hubert, wieħed minn ħutha s-subien, meta rat kemm Katerina kienet imdejqa talbitha biex tmur toqgħod magħha f'Chatillon, post mhux bogħod minn Pariġi, fejn din il-mara ta' ħuha Hubert kellha skola għat-tfajliet. Katerina ħatfet din l-okkażjoni, kitbet lil missierha u dan taha l-permess biex tmur.

**Katerina f'Chatillon**

Katerina qatt ma kienet marret skola, għalhekk meta marret fl-iskola ta' Chatillon, għat-tfajliet l-oħra kienet tidher tassew injoranta. Aħsbu ftit, xebba ta' tnejn u għoxrin sena għadha ma tafx l-alfabet. Imma Katerina ma qatgħetx qalbha meta sħabha kienu jidħku biha; bla dubju hi kienet tħoss qalbha tinqasam għal dak iż-żufjett. Izda hi kienet ċerta li dan kien kollu skond ir-rieda ta' Alla, li riedha għaliH, u għalhekk kien qiegħed iġarrabha.

F'Chatillon, il-vokazzjoni tagħha li tidħol soru aktar tħeġġet. Meta kienet fid-dar ta' missierha darba kellha ħolma, li fiha sabet ruħha fil-knisja tar-raħal, tisma' quddiesa li kien qed iqaddisha qassis xiħ. Meta dak il-qassis temm il-quddiesa, dar lejha u sejħilha. Hi beżgħet u telqet tiġri l-barra mill-knisja. F'Chatillon, mart ħuha darba ħaditha għand is-sorijiet tal-Karità. Katerina, malli daħlet fl-intrata bdiet tgħajjat: "Hemm hu dak il-qassis tal-ħolma!" u b'subgħajha bdiet turi nkwadru li kien hemm mal-ħajt. "Imma ruħi qalbi" qaltilha s-superjura skantata, "dak m'hu ħadd għajr il-fundatur tal-Kongregazzjoni tagħna, San Vinċenz De Paul!"

Katerina kellha tirrakkonta l-ħolma tagħha lis-sorijiet. Is-sorijiet għarfu li hawn kien jidher id-driegħ t'Alla. Il-konfessur ta' Katerina qabel ma' dan meta sema' l-ġrajja. Ma kienx hemm dubju li Alla xtaqha tidħol soru tal-Karità. Meta rat dan, mart Hubert Laboure' kitbet lil missier Katerina. Għall-ittra ta' mart ibnu, ir-raġel xwejjaħ rattab qalbu. Bagħat il-kunsens miktub u l-barka tiegħu lil Katerina. Malli rċeviet l-ittra hi ma tilfitx żmien biex tidħol bħala postulanta fid-dar tas-Sorijiet tal-Karità. Iż-żmien tal-prova tagħha għaddietu fil-ġabra, talb, penitenza u fl-osservanza perfetta tar-regola, hekk li f'April tal-1830,

is-Superjura bagħtitha f'Pariġi ħalli tidħol novizzjat.

### Katerina fin-Novizzjat

Il-wasla tagħha f'140 Rue du Bac, Pariġi, fejn kien hemm il-Casa Madre tas-Sorijiet tal-Karità ma kellna ebda impressjoni speċjali fuq il-komunità. Kienet tidher l-istess bħat-tfajliet l-oħra li kien ilhom jissieħbu mal-komunità sa minn żmien San Vinċenz. Il-Majjistra tan-novizzi laqgħetha bil-ħerqa, għarrfitha fil-qasir fuq ir-regolamenti ta' dik id-dar, urietha fejn kienet is-sodda tagħha u l-post tagħha fuq il-mejda u xejn aktar, ħlief li minn dak inhar 'l quddiem kellha tkun magħrufa *Suor Katerina,* jiġifieri baqgħet bl-ħaq ras is-serp li kien idawwar il-globu u b'idejha ilellxu bi ċrieket istess isem li rċeviet fil-magħmudija.

Imma għalkemm sħabha u s-superjuri ma raw xejn fiha partikulari, Alla kien ġa xeħet għajnejh fuq it-tjubija u s-safa ta' Suor Katerina, hekk li mill-ewwel beda jiffavoriha b'numru ta' dehriet tal-ġenna. Difatti, bilkemm kienet ilha ġimgħa li ma kellhiex dehra tal-qalb ta' San Vinċenz. Din id-dehra ratha fil-kappella għalkemm il-darba, daqqa tħeġġeġ bl-imħabba, daqqa miksura bid-dwejjaq. Matul in-novizzjat kienet ta' sikwit tara wkoll lil Ġesù Kristu nnifsu fuq l-altar waqt il-quddiesa. F'Ħadd it-Trinità lil Kristu ratu fl-ostja kkonsagrata bħala Re. Waqt li l-qassis kien qiegħed jaqra l-Vanġelu, l-ilbies ta' Re waqgħa minn fuq Kristu għal ma ġenb saqajh - sinjal li r-re ta' Franza kien ser jitlef it-tron u li fil-pajjiż kien ser ikun hemm faqar kbir. Dawn il-viżjonijiet, bil-messaġġ tagħhom ta' biki u ta' tama kienu l-bidu għal dehriet akbar minn għand il-Madonna.

### L-Ewwel Dehra tal-Madonna

Fil-lejl tat-18 ta' Lulju, lejlet il-festa ta' San Vinċenz de Paul, fil-waqt li Suor Katerina kienet mitlufa f'raqda fonda, semgħet min isejħilha għal tlett darbiet. Qamet u bexxqet il-purtiera, li kienet madwar is-sodda, u b'għaġeb kbir rat tfajjel l-aktar ħelu, ta' bejn l-erba jew il-ħames snin, liebes libsa tal-għażel abjad silġ, u madwaru dija l-aktar kbira. "Ejja fil-kappella" qalilha "Il-Verġni Mqaddsa qegħda tistennik. La tibżax; bħalissa l-ħdax u nofs u sħabek huma kollha reqdin, jien nistennik."

Katerina qabżet mis-sodda, libset malajr u marret wara t-tfajjel. Meta waslet fil-kappella sabet id-dwal kollha mixgħula: It-tfajjel tela' fuq il-presbiterju u waqaf in-naħa tax-xellug tal-altar; Katerina niżlet għarkubtejha ħdejn il-kanċell titlob. Wara xi nofs siegħa rat ġejja min-naħa tal-lemin tal-altar lil Madonna, kollha sabieħa, liebsa l-abjad u toqgħod bil-qegħda fuq is-siġġu tad-direttur. It-tfajjel qalilha: "Din hi l-Verġni Mqaddsa." Katerina għall-ewwel bdiet tistħi. Imbagħad għamlet il-kuraġġ, resqet lejha intelqet fuq irkobbit dik is-Sinjura, poġġiet idejha f'ħoġorha u refgħet ħarsitha f'għajnejHa. Il-Madonna wara li għamlitilha l-kuraġġ biex issofri bis-sabar in-nuqqasijiet ta' sħabha, kelmitha fuq il-flaġelli li kienu qed iħabbtu lid-dinja minħabba d-dnubiet, fl-aħħar qaltilha li kellha terġa' tidhrilha biex tafdalha missjoni mportanti. Imbagħad bħal dell li jispiċċa fix-xejn, is-Sinjura għabet. Katerina allura qamet bil-wieqfa u t-tfajjel li kien għadu fil-qrib reġa wassalha fid-dormitorju u malli waslu ħdejn is-sodda tagħha sparixxa bħalma kienet għamlet il-Madonna.

### Id-Dehra tas-27 ta' Novembru

Wara erba' xhur, is-Sibt 27 ta' Novembru, lejlet l-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent, għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofs inhar, Sidtna Marija dehret lil Suor Katerina. Is-sorijiet kollha, sew dawk professi, kemm in-novizzi kienu nġabru fil-kappella għat-talb ta' fil-għaxija. Katerina intilfet f'estasi. Kienet semgħet it-tħaxwix

tal-libsa tal-ħarir, li qatt ma setgħet tinsa wara d-dehra tat-18 ta' Lulju, il-ħoss tal-libsa tal-Madonna. Hawn kien għal darb'oħra u hekk kienet ir-Reġina tas-Smewwiet fuq in-naħa tax-Xellug tal-altar, wieqfa fuq globu - li jiffigura d-dinja - liebsa l-abjad, b'velu abjad li kien jasal sa saqajha, b'riġilha tal-lemin jismimlija b'ħaġar prezzjuż li minnhom kienu ħerġin raġġi ta' dawl qawwi. Imbagħad, madwar il-Madonna fforma ruħu bħal gwarniċ ovali u fuqu kien hemm miktuba b'ittri tad-deheb il-kelmiet: "O Marija, immnissla mingħajr ħtija, itlob għalina li nirrikorru lejk".

F'dan il-waqt Suor Katerina semgħet leħen igħidilha: "Agħmel medalja fuq dan il-mudell: dawk kollha li jilbsuha bil-fidi u t-tama jirċievu ħafna grazzji". Imbagħad dak il-gwarniċ inqaleb u s-soru f'din innaħa ta' wara rat l-ittra *M* kbira u fuqha Salib jistrieħ fuq faxx li kien jaqsam l-*M* min-nofs. Taħt l-*M* kien hemm il-Qalb ta' Ġesù imdawwra bix-xewk u l-Qalb ta' Marija minfuda minn sejf. Mad-dawra tal-Medalja kien hemm tnax il-kewkba. Wara ftit, il-viżjoni spiċċat.

Suor Katerina kellha l-istess viżjoni xi xahar wara u kienet l-aħħar dehra. F'din id-dehra l-Madonna hi u sejra qaltilha, "Binti, mil-lum 'l quddiem ma taranix aktar imma tibqa' tisma' leħni waqt it-talb u l-meditazzjonijiet tiegħek."

Katerina spiċċat in-novizzjat tagħha f'Jannar tal-1831 u ġiet mibgħuta fl-isptar ta' Eughien, ftit 'il barra minn Pariġi. Hawn il-leħen kien ta' sikwit ifakkarha li l-medalja li hi kienet mitluba biex tagħmel kienet għada ma saritx. "Imma, omm għażiża tiegħi" kienet twieġeb Katerina, "Inti taf li l-Patri Aladel donnu mhux qed jemminni". Difatti, wara d-dehra tas-27 ta' Novembru, hija mill-ewwel kienet qalet b'kollox lill-konfessur tagħha Patri Aladel, iżda wara li semagħha bil-paċenzja, ftit ta każ tal-viżjonijiet tagħha. "Ma jimportax", kien jgħidilha il-leħen, "għad jasal il-jum li fih jagħmel dak li nixtieq jien."

**Tixrid tal-Midalja Mirakuluża**

U hekk ġara. Il-Madonna kienet taf li Patri Aladel kien devot tagħha u ftit wara huwa qal b'kollox lill-Arċisqof ta' Pariġi, Mons. De Quelen. Kulma żamm mistur kien l-isem ta' Suor Katerina, kif kienet qaltlu hi meta fdatlu l-messaġġ ta' Marija. L-Arċisqof mill-ewwel emmen dik il-grazzja u ordna li tinħadem il-medalja. Għall-ewwel, fl-1832, inħadmu biss elfejn waħda, imbagħad elfejn oħra, imbagħad elfejn oħra, imbagħad miljuni. Il-'Medalji tal-Immakulata Konċezzjoni' ħarġu bħaxxita mill-fabbriki u xterrdu ma Franza kollha u imbagħad mad-dinja kollha minħabba l-għeġubijiet li bdew jiġru ta' kuljum, u ħafna kienu l-mirakli ta' fejqan u grazzji li bdew jagħilhu dawk li kienu jġibu fuqhom il-Medalja. Id-devoti ta' Marija bdew ixerrdu minn id għall-oħra din id-domna bil-kelmiet: "Hu din il-Medalja Mirakuluża".

Il-Medalja Mirakuluża! Hekk bdiet tissejjaħ il-Medalja li l-Madonna tat lil Suor Katerina Laboure' fis-27 ta' Novembru, 1830. Fost il-mirakli tal-bidu jissemma dak tażżagħżugħ Lhudi, Alfons Ratisbonne li waqt li kien Ruma rċieva medalja mingħand il-ħabib tiegħu Teodoru du Bussiere u wara ftit ġranet li kien ilu biha mdendla f'għonqu, dehritlu l-Madonna u b'hekk mhux biss iddeċieda li jsir nisrani iżda wkoll saċerdot. Fl-1836 il-Medalja tal-Konċizzjoni kisbet l-approvazzjoni uffiċjali u tliet snin wara l-istess Arċisqof ta' Pariġi kkonsagra l-Arċidjoċesi tiegħu lill-Immakulata Kunċizzjoni ta' Marija. Il-Papa Leone XIII approva l-festa liturġika tal-Medalja Mirakuluża u iffissaha għas-27 ta' Novembru.

# KRONAKA TAS-SANTWARJU



**SETTEMBRU**

**(ikompli mil-ħarġa ta' qabel)**

**16.** Fis-Santwarju ta' Pinu ġie Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Gżira. Il-Pellegrinaġġ tmexxa mill-W. R. Kapp. Dun Ġużepp Theuma.

**17.** Sar pellegrinaġġ mill-Azzjoni Kattolika fl-okkażjoni tal-Qawmien Spiritwali Marjan. Qaddes l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi fis-Santwarju ta' Pinu.

**28.** Saret quddiesa fil-Kappella tal-Madonna għall-membri tal-Istitut Sekolari tal-Ispigolatriċi.

**29.** Il-Pia Unione Madonna Ta' Pinu organizzat Pellegrinaġġ għal fuq il-Muntanja ta' Għammar. Qaddes għal dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ il-Kan. Dun Ġwann Gauci.

**OTTUBRU**

**4.** Peress li kien l-ewwel Sibt tax-xahar, il-Fergħa Ewkaristika għamlet quddiesa u siegħa adorazzjoni għall-membri ta' l-għaqda li jiġu minn diversi parroċċi ta' Għawdex.

**7.** Fost l-attivitajiet organizzati għall-kleru ta' Għawdex fl-okkażjoni tal-Qawmien Spiritwali Marjan, illum saret Via Sagra għas-Saċerdoti li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi mis-Santwarju ta' Pinu għal fuq l-Għolja ta' Għammar. Numru sabiħ ta' saċerdoti ħadu sehem f'dan l-eżerċizzju ta' pjetà.

**9.** Il-Kan. Dun Karm Cini qaddes għal grupp ta' Maltin fil-Kappella tal-Madonna.

**11.** Bħala parti mill-programm ta' attivitajiet fl-okkażjoni tal-Qawmien Spiritwali Marjan, Mons. Isqof Nikol Cauchi qaddes għall-istudenti kollha li matul din is-sena rċivew is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof.

**18.** Il-Moviment Ewkaristiku ta' Għawdex għamel lejl adorazzjoni fis-Santwarju ta' Pinu. L-adorazzjoni kienet immexxija minn Dun Rużar Borg.

**30.** Il-Kumitat Djoċesan taż-Żgħażagħ organizza Mixja Marjana għaż-żgħażagħ minn ħdejn il-knisja parrokkjali tal-Għasri għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Fi tmiem din il-Mixja Marjana, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mas-Saċerdoti Diretturi taċ-Ċentri Parrokkjali tad-diversi parroċċi ta' Għawdex.

Numru kbir ta' żgħażagħ ħadu sehem f'din l-attività.

**NOVEMBRU**

1. Il-Fergħa Ewkaristika għamlet siegħa adorazzjoni u quddiesa għall-membri tagħha fis-Santwarju ta' Pinu.

Fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tad-Domma tal-Assunta, l-Azzjoni Kattolika għamlet pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu. Il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Dun Ġorġ Vella, Ass. Ekk. Djoċesan.

2. Saret quddiesa għal-Leġjunarji tan-Nadur minn Dun Salv Pace.

19. Sar Għasar u Quddiesa Kantata mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb.

21. Fl-okkażjoni tal-festa tal-Preżentazzjoni tal-Madonna, il-Pia Unjoni Madonna ta' Pinu, organizzat Pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu fejn saret quddiesa minn Dun Karm Borg. Peress li f'dan il-pellegrinaġġ attendew numru sabiħ ta' nies li m'humiex membri tal-Pia Unjoni, Dun Karm tkellem dwar l-iskop ta' din l-Għaqda Marjana u ħeġġeġ lil dawk preżenti biex jinkitbu bħala membri jekk sa issa għadhom ma humiex.

27. Fl-okkażjoni ta' Jum ir-Radd il-Ħajr, l-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni ma' diversi saċerdoti Għawdxin fis-Santwarju ta' Pinu. F'din l-okkażjoni Mons. Isqof tkellem dwar id-dmir tagħna li nroddu ħajr 'l Alla għall-ġid kollu li għamel magħna.

30. L-Eċċ. T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi qaddes quddiesa b'suffraġju ta' ruħ l-ex Prim Ministru Ġorġ Borg Olivier. Fost dawk li attendew għal din il-quddiesa kien hemm il-membri Parlamentari Għawdxin tal-Partit Nazzjonalista.

**DIĊEMBRU**

2. L-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni b' suffraġju ta' ruħ Frank Duff, Fundatur tal-Leġjun ta' Marija. Għal din il-quddiesa attendew numru kbir ta' Leġjunarji minn Għawdex kollu.

8. Saret Ċelebrazzjoni Ewkaristiko - Marjana għall-Istudenti Għawdxin. Fit-8.30 a.m. ir-Rettur tas-Santwarju, Mons. Beneditt Camilleri qaddes għall-istudenti u wara Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi għamel diskors ta' l-okkażjoni u qassam il-premijiet lir-rebbieħa tal - Kompetizzjoni Marjana mnedija miċ-Ċentru Kulturali Marjan ta' Pinu f'Ottubru li għadda.

Peress li kien l-ewwel Sibt tax xahar, il-Fergħa Ewkaristika għamlet siegħa adorazzjoni u quddiesa.

7. Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb għamel Għasar Kantat fil-Bażilika ta' Pinu fl-okkażjoni tal-festa ta' l-Immakulata.

Fl-okkażjoni tażżmien ta' Qawmien Spiritwali Marjan kull nhar ta' Erbgħa kien isir Pellegrinaġġ mir-Rabat għas-Santwarju ta' Pinu fejn kienet issir quddiesa għal dawk li jieħdu sehem fil-Pellegrinaġġ.

## QASSISIN BARRANIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU

Can. Joseph Theuma; Mons. Giov. Frendo; Fr. Joe Vella; Rev. E. Sultana; Dun Franġisk Debrincat; Fr. Michael Agius O.F.M. Cap.; Rev. Joseph Borg S.J.; Dun Salv Muscat; Can. Joseph Grech; Rev. Salv Vella; Rev. Agostino Azzopardi MSSP.; Fr. B. Farrugia O.F.M. Cap.; Fr. Joe Farrugia; Patri V.M. Xerri O.F.M. Conv.; Dun Karm Hili; Dun Mario Cassar; Fr. Peter Paul Mejlaq O.F.M.; Can. John Gauci; Fr.

George Borg; Can. Salv. Pace; Fr. Ant. Mizzi; Fr. M. Zammit; Can. M'Angelo Xerri; Can. Nikol Vella Apap; Fr. Joe Bezzina; Dun Mikiel De Giovanni; Fr. William Neba; Dun Salv Zammit; Rev. P. Albert Micallef O.F.M.; Dun Ġużepp Zammit; Dun Rużar Borg; Fr. J. Mercieca O.F.M. Cap.; Fr. Mario Azzopardi O.F.M. Cap.; Mons. Gregorio Vella; Can. G. Sacco; Mons. Nikol Vella; Dun Mikiel Mintoff; Can. Jos. Zahra; Dun Angelo Buttigieg; Pierre Battista Farrugia O.F.M. Cap.; Mons. Francesco Borg; Dun Ġużepp Bajada; Mons. Anton Grech Vella; Fr. Benignus Sultana O.F.M. Cap.; Rev. Fr. Louis Bezzina; Mons. Joseph Curmi; Fr. Emanuele Bonavia; Fr. John Camilleri P.P.; Fr. M. Zammit; Fr. A. Camilleri S.J.; Dun Mikiel Attard; Dun Mario Borg; Dun Ġorġ Mercieca; Fr. Joe Mejlaq; Dun Manwel Curmi; Dun Ġorġ Debono; Can. Salv Camilleri; Fr. Josephus Mallia O.F.M. Cap.; P.A. Gatt; Dun Salv Borg; Dun Salv Grima; Dun Salv Tabone; Dun Salv Muscat; Fr. Martinian Cutajar O.S.A.; Fr. Carmelo Portelli; Dun Girgor Grech.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Angelo Muscat minn Fontana u Grace Farrugia minn Victoria; Vicky Refalo mix-Xagħra u Peter Paul Farrugia min-Nadur; Frances Sultana mix-Xagħra u Teddy Vella minn Victoria; Victoria Azzopardi u Joe Agius mix-Xagħra; Angela Mejlaq min-Nadur u Ġanni Galea minn Sannat; Emmanuel Galea u Doris Agius mix-Xagħra; Kristinu Zerafa minn Għajnsielem u Margaret Bajada minn Sannat; Leli Attard mix-Xagħra u Maria Gauci minn Kerċem; Mary Vella u Tony Sacco minn Victoria; Michael Xuereb mix-Xewkija u Rose Buttigieg min-Nadur; Raymond Sultana mix-Xagħra u Natalina Mercieca minn Victoria; Ġużeppa Xerri u Pinu Buttigieg mix-Xewkija; Rita Mifsud minn Victoria u Eugenio Mifsud mix-Xagħra; Sammy Azzopardi u Bernardette Gauci minn Victoria; Pawlu Sultana mix-Xagħra u Mary Portelli mix-Xewkija; Anthony Zammit miż-Żebbuġ u M'Anne Azzopardi minn Għajnsielem; Ċikku Galea mill-Għarb u Carmela Muscat min-Nadur.

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA TA' PINU

Michael Camilleri — Nadur; Marisa Falzon — Burmarrad; Valery Grech — Għajnsielem; Jaclyn Grima — Xewkija; Marie Cassar — Sannat; Gail-Marie Galea — Ħamrun; Veronica Vella — Mosta; Frankie Cauchi — Xewkija; Aaron Said — Nadur; John-Paul Enriquez — B'Kara; Eileen Camilleri — Marsalforn; Donald Vella — Victoria; Christopher Vella — Għarb; Blasio Muscat — Nadur; Charmaine Vella — Victoria; Giovanna Attard — Marsalforn; Christine Debono — B'Kara; Nathalie Stellini — Munxar; Patricia Bongailas — Victoria; Marvic Muscat — Victoria; Matthew Azzopardi — Għarb.

"Naqraw fit-Testment il-Qadim li l-Mulej mexxa l-ġens tiegħu mill-Eġittu sal-Art Imwiegħda b'kolonna ta' sħab bi nhar u b'kolonna ta' nar bil-lejl. Din il-kolonna tal-għaġeb, issa ta' sħab, issa ta' nar, kienet xbiha ta' Marija, u tal-ħidmiet differenti li twettaq għall-ġid tagħna."

Sant'Alfons Liguori.

# GRAZZI MADONNA.... GHAX SMAJTNI!!!

**GHAWDEX:**

Ġorġa Vella; George Zammit; Phyllis Bonnici; Pawla Bajada; Annette Grima; Marija Portelli; Toni Pace; John Buttigieg; Michael Mejlaq; Rose Vella; Sunta Cassar; Liża Cauchi; Frankie Cauchi; Frank Buttigieg; Sammy Mejlaq; Marija Bajada; Marija Bugeja; Consiglia Vella; Christine Mifsud; Marija Zerafa; Peter Paul Attard; Maria Bezzina; Angolina Vella; Carmel Tabone; Francis Attard; Rose Vella; Charlie Cremona; Ġamri Grech; Angelo Xerri; John Xuereb; Salvu Xuereb; Maria Bartolo; Carmelo Zerafa.

Rose Muscat; Maria Apap; Agnes Farrugia; Anthony Farrugia; Mary Mifsud; Loreta Axiak; Grezzja Muscat; Maria Spiteri; Rose Axiak; M. Camilleri; Maria Buttigieg; Anne Caruana; Carmelo Saliba; M'Teresa Attard; Giovanna Galea; Ġorġina Galea; Manwel Zahra; Mary Grima; Joe Vella; Stella Cassar; Maria Farrugia; Anġla Curmi; Margaret Portelli; Ġanni Portelli; M'Assunta Theuma; Anġlu Xuereb; Paola Attard; Francesco Pace; Pawla Curmi; Ġużeppa Saliba; Tony Sultana; Ġużeppa Sultana; Maria Sultana; Anthony Grima; Ġużeppa Axiak; Mario Azzopardi; Teresa Galea; Stella Camilleri; Maria Grima; M. Portelli; G. Bonello; Rita Tabone; Paul Grech; Maria Buttigieg; Pawla Buttigieg; Gina Bajada; N. Cauchi; E. Xuereb; Mary Mercieca.

Mario Grech; D. Curmi; Frenċ Buttigieg; Sonia Rapa; M'Ġwann Grima; Josephine Curmi; Doreen Apap; Mr. & Mrs. Vella; Ruth Spiteri; Carmelo Curmi; Jane Rapa; Ġuża Magro; F. Buttigieg; Rosina Cassar; Mary Said; Carmen Xuereb; Maria Mintoff; Julian Portelli; Lonza Carnimolla; Salvina Attard; Anna Muscat; Kelina Cauchi; Mark Spiteri; Pino Pisani; Maria Debrincat; Ġorġa Azzopardi; Toni Pace; Franġiska Portelli; Margaret Spiteri; Vicky Zammit; Ġużeppa Aquilina; Frenċ Mercieca; Ġorġa Galea; Maria Azzopardi; Pawlu Sultana; Maria Micallef; Jane Debono; M'Rosa Vella; Maria Camilleri; Josephine Attard; Mary Portelli; Paul Sultana; Anġolina Formosa; Angelo Magro; M'Anne Piscopo; Mikiel Pace; Lewis Vassallo; Ġużeppa Frendo; Ġużeppa Formosa; Mario Vella; Michael Spiteri; Annette Grima; Maria Cauchi; Maria Spiteri; George Axiak; Leli Theuma; Ġużepp Agius; Marija Portelli.

**MALTA:**

Victor Vella; Marija Mallia; Carmela Saliba; Walter Mallia; Ġanni Galea; Francis Stafrace; Thomas D'Anastasi; John Aquilina; Maria Decelis; Joseph Debattista; Maria Bezzina; Joseph Caruana; John Aquilina; Benedit Axisa; Ġorġ Vella; Anthony Mifsud; Grezzja Saliba; Francis Gatt; Frenċ Cassar; Stella Sultana; H. Mallia; Salvatore Carter; M'Anne Degabriele; Lawrence Grima; M'Anne Tabone; Mary Vassallo; George Azzopardi; Jessie Cini; Christina Galea; Michael Grech; Henry Miller; Mr. Bianco; Mary Leone Ganado; Rose Galea; Rita Vella; Lucy Borg; Catherine Azzopardi; J. Mifsud; Dolores Gauci; Helen Cassar; Ġemma Scicluna.

S. Attard; Rita Falzon; Gina Galea; Familja Vella; Francis Vella; Serafina Catania; Jane Vella; Martin Chetcuti; Ant. Gauci; M'Anne Pace; Jane Pace; George Magri; Carmen Attard; Consiglia Mifsud, Victor Vella; Mary Cauchi; Vincent Debono; Paul Mallia; Odette Cuschieri; Toni Bajada; Leli Camilleri; Carmen Vella; Carmen Buttigieg; Ġużeppa Casha; Sunta Micallef; Twanny Farrugia; Esther Briffa; Lino Micallef; Emma Frendo; Alfred Mallia.

**AWSTRALJA:**

Lawrence Azzopardi; Mary Cini; Lora Xuereb; R. Hili; George Cassar; Twanny Camilleri; Lily Randich; C. Axiak; Mary Darmanin; Mary Cauchi; Mary Rapa; Paul Debrincat; Joe Gatt.

**U.S.A.:**

Mary Camilleri; Martha Bute.



# INNU LILL-MADONNA TA' PINU

Marija Reġina
Tas-sema u ta' l-art
Lil qalbna noffrulek
Fost xita ta' ward
Il-ħlejjaq madwarek
Kuruna jdawruk
Maħluqa minn Ibnek
Biex qima jagħtuk.

Ave Marija.

Lil qlubna Marija
Żomm Miegħek mgħannqin
Bil-ħerqa ntennulek
Maltin u Għawdxin
Biex inti tħarishom
Fil-kenn tal-virtù
Biex nogħġbu lil Alla
Lil ħuna Ġesù.

Ave Marija.

Hawn ridt issejħilna
U leħnek smajnieh
Itenni b'imħabba
Li qatt ma tistrieħ
Sakemm lilna tara
Ġo l-isbaħ smewwiet
Nitgħaxxqu bil-ħlewwa
Ta' l-oħla ħlewwiet.

Ave Marija.

Versi ta'
**Mons. M'Anġ. Apap.**
Mużika ta'
**Mro. Nazzareno Refalo.**
1960.

# FIDI U TIĠRIB

KITBA TA' **DUN RUŻAR BORG**

Il-mard hu dejjem salib iżda meta jaħkimna fiż-żogħżija hu salib itqal. Meħtieġa fidi u mħabba kbira fil-marid biex jaċċetta bil-ferħ marda fiż-żogħżija. Meta Santa Tereżina mardet bit-tuberkulożi kellha biss 23 sena. Araw kif aċċettat l-aħbar tal-marda tagħha.

Nhar Ħamis ix-Xirka baqgħet tisħar ma' Ġesù sa nofs il-lejl. Kif imbagħad daħlet fis-sodda ħasset xi ħaġa tielgħa minn griżmejha għal ġo ħalqha. "Żgur demm!" Beżqet fil-maktur. Billi kienet tfiet il-lampa, tgħakkset u ħalliet għall-għada "l-aħbar sabiħa." Kif stembħet, il-Ġimgħa l-Kbira fil-5.00 a.m., ftakret li għandha "bxara tajba", ressqet il-maktur lejn id-dawl u għoxiet bil-ferħ xħin rat li tassew kienet beżqet id-demm; "sinjal" tgħid hi, "li l-Għarus ma kienx fil-bogħod."

Din hi prova ta' dak li għidna: min għandu fidi ħajja u mħabba qawwija, la jinkwieta bil-mard u lanqas jibża' mill-mewt. Ir-raġuni ma tridx forza jgħid il-qawl Malti. Jekk nemmnu fil-ġenna u fit-tbatija bħala mezz indispensabbli biex immorru hemm, mela l-mewt u t-tbatija jsiru għalina ħwejjeġ l-aktar ta' min iħobbhom u jixtieqhom.

Santa Tereża ta' Avila darba qalet: "Jew inbati jew immut". Mela xortih tajba tassew dak il-marid li jemmen tabilħaqq. Il-jum mhux ta' piż għalih, il-lejl mhux twil u kiebi, iżda t-tnejn mezzi biex iħobb, jimmerita u jifdi l-erwieħ. Waħda mil-lezzjonijiet kbar li d-dinja tgħallmet f'riġlejn il-Papa Ġovanni XXIII kienet li nistgħu nitbissmu fl-uġiegħ u fl-agonija: "Tgħallimna mmutu, tgħallimna ngħixu bħala morda", qalu dawk li kienu madwaru fl-aħħar marda tiegħu. Iżda Papa Ġwanni kien bniedem ta' fidi li wasslet għal tiġdid primaverili fil-Knisja.

"Mulej nemmen imma kattar fija l-fidi!" Hekk għandna nitolbu fil-mard tagħna. Fidi soda tgħinna wkoll biex ngħixu l-mument preżenti, mingħajr ma ninkwetaw fuq il-ġejjieni, għax moħħna jistrieħ bil-ħsieb li kif Alla kien magħna s'issa, jkompli jgħinna għal li ġej; tgħinna wkoll biex inkunu grati lejn dawk li jduru bina fil-mard tagħna, u hekk inkunu inqas ta' piż għalihom; u fl-aħħarnett tgħinna biex kalmi u sereni nhejju ruħna għal laqgħa ma' Dak li nkunu ħabbejna f'ħajjitna. Ma ninsewx imbagħad li aħna fis-sema għandna Omm li tħobbna: inħarsu lejn Marija Saħħa tal-morda u Farraġ tal-imnikktin, inpoġġu t-tama tagħna fiHa u żgur li Hija tagħtina dak li hu ta' l-akbar ġid għalina.

# IT-TLIET ASPETTI TAL-MILIED

(Minn P. BONAVENTURA M. CAMILLERI, O.F.M. Conv.)

Il-Milied, l-ewwel Milied, għandu fost l-oħrajn tliet aspetti. Huwa ġrajja l-Milied, ġrajja ta' l-imgħoddi, ġrajja li għaddiet bħalma għaddew il-ġrajjiet l-oħra, kbar u żgħar, ta' l-istorja: **dan huwa l-ewwel aspett. It-tieni aspett:** il-Milied huwa wkoll ġrajja li għadha sejra, ġrajja tal-preżent, ġrajja ta' żmienna, għax hija ġrajja li dejjem trid titwettaq fina u ma' dwarna. **U t-tielet aspett:** il-Milied huwa ġrajja tal-futur; irid il-Milied iħares dejjem lejn id-dinja l-oħra, lejn Jum il-Mulej, meta **"Alla jkun kollox f'kulħadd". (1 Kor 15,** 28) Mela l-Milied mhux biss huwa ġrajja tal-bieraħ li għadda u tallum preżenti, imma wkoll huwa ġrajja t'għada etern: għax il-Milied huwa t-twelid fostna ta' **Dak** li hu **"il-bieraħ u llum hu l-istess u jibqa' għal dejjem". (Lhud** 13, 8)

### Il-Milied: Ġrajja ta' l-Imgħoddi:

Din il-ġrajja hija l-akbar ġrajja ta' l-istorja; għax il-Milied huwa dan: **"Alla sar bniedem u għammar fostna"** (Ġov 1, 14); San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Galatin, lill-ġrajja tal-Milied jiġborha f'dawn il-kelmiet: **"meta waslet il-milja taż-żmien, bagħat Alla 'l Ibnu, li sar minn mara, imwieled taħt il-Liġi . . . biex ikollna l-adozzjoni".** (4, 4) Fil-Milied Alla sar l-Emmanwel, sar Alla-Magħna; Alla **"sar jixbahna f'kollox barra mid-dnub"** (**Lhud** 4, 15): Alla sar jixbahna f'kollox għax ried isir bniedem minn mara; kien jixbahna **"barra mid-dnub"**, għax tnissel u twieled minn l-Immakulata. Din il-ġrajja ta' l-ewwel Milied hija l-aqwa ġrajja, hija akbar mill-istess **ġrajja** tal-ħolqien taddinja, għax Alla lid-dinja ħoloqha minħabba l-Inkarnazzjoni, kif Hu ħoloq lil Adam minħabba Kristu u fuq ix-xbiha ta' Kristu, kif irid igħidilna San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Kolossin: **"Hu (Kristu) x-xbiha ta' Alla li ma jidhirx, l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha, għax fih maħluq kollox, fis-sema u fuq l-art . . .; kollox maħluq bih u għalih. Hu qabel kollox u kollox hu fih".** (1, 15-17)

### Ġrajja Storika:

Il-Milied huwa ġrajja ta' l-imgħoddi, u għalhekk huwa ġrajja storika; il-Milied huwa storja u





mhux xi ħrafa; anzi l-Milied huwa 'l fuq minn kull storja, għax kull storja għandha bidu, waqt li l-bidu ta' l-istorja tal-Milied insibuh **"moħbi sa minn qabel iż-żminijiet fi ħdan Alla"**, kif igħid San Pawl lill-Efesin. (3,9). Hija storja u mhux ħrafa l-ġrajja ta' l-ewwel Milied, għax din il-ġrajja għandha l-elementi kollha li jifformaw u li fuqhom tinbena l-vera storja: nafu difatti **meta** ġrat, **fejn** ġrat, minn **min** ġrat u **għalfejn** ġrat (**ara: Matt** 1, 1-16; **Lq.** 2, 1-7; **Gal** 4, 4): waqt li l-ħrafa, kull ħrafa, m'għandhiex dawn l-elementi, preċiżament għax hija ħrafa. Dan huwa l-ewwel aspett tal-Milied: il-Milied huwa ġrajja tal-bieraħ, huwa storja. U dan ifisser ħafna, ifisser l-iżjed li r-Reliġjon Imqaddsa tagħna hija mibnija mhux fl-ajru, fis-sħab, imma mibnija fuq is-sod, fuq ġrajja verament storika, bħalma fuq ġrajjiet storiċi nbniet ir-Reliġjon Lhudija, ir-Reliġjon ta' Abram u ta' Mosè. Ir-Reliġjon Imqaddsa tagħna nbniet fuq l-ogħla u l-aqwa mħabba lejna, kif Ġesù stess qal lil Nikodemu: **"Iva, Alla hekk ħabb id-dinja, li ta l-Iben tiegħu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem".** (Ġov 3, 16)

### Il-Milied: Ġrajja attwali:

Il-Milied huwa wkoll ġrajja li għadha sejra, ġrajja li kontinwament titwettaq f'ruħna u madwarna; il-Milied huwa realtà tal-jiem kollha tagħna, għax il-Milied huwa t-twelid kontinwu ta' Ġesù f'ruħna, fil-ħajja tagħna, fl-ambjent tagħna. Għax tassew: għalhekk l-Iben t'Alla sar bniedem; sar bniedem biex ikun jista' jgħammar fostna, u jgħammar fostna għal dejjem. Alla lil Ibnu tahulna mhux darba biss, kważi elfejn sena ilu, fl-ewwel Milied; imma tahulna għal dejjem, tahulna biex Ibnu jkun tagħna u magħna tul il-jiem kollha tal-ħajja ta' kull wieħed minna. Ġesù stess għarrafna b'din il-verità sabiħa ftit minuti qabel ma rritorna lejn ħdan il-Missier; qalilna: **"Ara, jien magħkom sa l-aħħar tad-dinja". (Matt** 28, 20) Għalhekk, għalina nsara, il-Milied ma jiġix darba biss fis-sena, imma kull jum li jisbaħ, miegħu jisbaħ Milied ġdid, Milied ferrieħi: it-twelid ta' Ġesù f'ruħna permezz tal-

grazzja: dan huwa l-Milied tagħna, il-Milied ta' żmienna, il-Milied tal-preżent, il-Milied dejjem attwali; huwa, bħal l-ewwel Milied, irid immensament iferraħna, għax irid ifakkarna li Ġesù għadu preżenti fostna u fina: Ġesù jrid jibqa' jgħix il-ħajja tagħna, il-ħajja fqira tagħna, il-ħajja umli u wiegħra tagħna; permezz ta' dan it-twelid Tiegħu fina Ġesù jrid jerġa' jħoss il-faqar u l-bard ta' Betlem; irid jerġa' jħoss il-ferħ u l-briju tat-tieġ ta' Kana; irid jerġa' jħoss in-niket u d-dwejjaq tal-Ġetsemani u d-dlamijiet u l-ħruxija tal-Kalvarju; irid jerġa' jħoss is-sebħ u l-ferħ u l-ġieħ tal-Qawmien minn l-imwiet!

Dan huwa t-tieni aspett tal-Milied: il-Milied tagħna. Il-ġrajja ta' l-ewwel Milied ma setgħetx tgħib u tintemm mal-ġirja u l-qirda taż-żmien; għadha ħajja din il-ġrajja, daħlet fil-ħajja tagħna ta' kuljum: preċiżament għax l-Ewwel Milied huwa t-twelid ta' Alla fostna! Iddmir mela tagħna kif ukoll il-ġieħ kbir tagħna huwa li lil Ġesù nħalluH jitwieled fina, indaħħluH fl-irkejjen kollha ta' moħħna u ta' qalbna; għalhekk Huwa ħareġ minn ħdan il-Missier u niżel fostna biex ikun jista' jidħol u jistrieħ fi ħdanna. Ma nagħmlux bħalma għamlu n-nies ta' Betlem fil-lejl ta' l-ewwel Milied: baqgħu bil-bibien imsakkra, kif donnu jrid igħidilna San Ġwann fil-bidu tal-Vanġelu: **"Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx"** (1, 11), imma nagħmlu bħalma jgħidilna Pawlu Missierna fl-Ittra tiegħu lill-Kolossin: **"Għixu mela fi Kristu Ġesù, Sidna, kif tgħallimtuh, b'għeruqkom fih u ħajjitkom mibnija fuqu, imwettqin bil-fidi bħalma tgħallimtu, b'kotra ta' radd il-ħajr".** (2, 6-7)

## Il-Milied Etern:

Il-Milied għandu aspett ieħor, it-tielet wieħed: irid iħaddan ukoll il-futur, iħares dejjem lejn id-dinja l-oħra; u ma jistax ikun xort'oħra: għax Ġesù twieled fostna, l-ewwel aspett, u jrid igħammar fina, it-tieni aspett, biex Hu, bħala t-Triq tagħna, ikun jista' jmexxina u jwassalna l-Ġenna. Iva, Ġesù għad jerġa' jiġi, jiġi għall-aħħar darba, u għall-aħħar darba nisimgħuH iħabbat fuq il-bieb ta' qalbna. U meta jkun dan? F'Jum il-Ġudizzju? Mhux biss dak in-nhar, imma jerġa' jiġi wkoll fil-mewt tagħna; għax dan huwa x-xogħol tal-mewt tagħna, li tlaqqagħna għal dejjem ma' Ġesù Sidna. Għalhekk, dment li ż-żmien għadu f'idejna, nistennewH lil Ġesù bħala s-Sid tagħna, bħalma stennih dak il-qaddej fidil u għaqli, billi nħaddmu l-ħafna talenti li Huwa tana; nistennewH bħala l-Għarus ta' qalbna, bħalma għamlu l-ħames xebbiet għaqlin, nistennewH bil-musbieħ jixgħel f'idejna, jiġifieri billi ngħixu dejjem fil-grazzja ta' Alla; nistennewH bħala l-mistednin tar-Re tagħna, lebsin il-libsa bajda tal-grazzja, maħsula fid-Demm tal-Ħaruf bla tebgħa; nistennewH bħala li hu Alla tagħna, nistennewH billi nibnu ħajjitna fuq is-sod, fuq il-blat, biex meta jibdew ivenvnu l-irwiefen u jqumu l-ħalel, id-dar tagħna ma tiġġarrafx u ssir ħerba, imma tibqa' wieqfa u sħiħa. Dan huwa t-tielet aspett tal-Milied: il-Milied Etern! Għandu dan it-tielet Milied iġenninna bil-ferħ, bħat-tnejn ta' qablu; għax jekk kienet l-imħabba bla tarf ta' Alla lejna li lil Ġesù niżżlitu u ġabitu hemm f'Betlem; u jekk hija din l-istess imħabba divina li qegħda kontinwament tniżżlu jgħammar f'ruħna; għad tkun ukoll din l-Imħabba eterna li jum wieħed għad tlaqqgħu u tħaddnu magħna għal dejjem!

## Il-Milied: Festa tar-rigali

Ġesù, fl-ewwel Milied hemm f'Betlem, talabna ntuH ir-rigal kbir tagħna: in-natura umana, u aħna dan

ikompli f'paġna 124

# BROTHER FRANK DUFF 1889 — 1980



# FUNDATUR TAL-LEGJUN TA' MARIJA

**Hekk kif il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II sama' bl-aħbar tal-mewt ta' Bro. Frank Duff li ġrat nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru, 1980, dan kien pront bagħat messaġġ mill-Vatikan lill-Concilium tal-Leġjun ta' Marija f'Dublin. It-test eżatt tal-messaġġ huwa dan:**

> *"Il-Leġjun ta' Marija madwar id-dinja jibki l-mewt tal-Fundatur Frank Duff. Jiena ningħaqad mal-membri fit-talb biex ruħu tistrieħ għal dejjem. L-assoċjazzjoni li hu waqqaf ġagħlet lil għadd kbir ta' Kattoliċi lajċi jagħrfu l-ħidma indispensabbli tagħhom fl-evanġelizzazzjoni u l-qdusija ta' għajrhom, u għenithom jidħlu għal dik il-ħidma biż-żelu u bl-iżjed mod effettiv. Lil-Leġjunarji kollha jiena nagħti l-Barka Appostolika biex tqawwihom f'din it-telfa u biex tħeġġiġhom fil-ħidmiet tagħhom tal-ġejjieni."*

Dan it-telegramm tal-Papa Ġwanni Pawlu II ikompli jikkonferma l-istima kbira li Frank Duff dejjem gawda mill-Awtoritajiet tal-Knisja. Biżżejjed ngħidu li Bro. Duff kien mistieden biex jattendi bħala osservatur lajk fil-Konċilju Vatikan II. Il-Papiet kollha, minn Piju XI sal-Papa attwali kollha faħħru u bierku l-ħidma tiegħu u tal-Leġjun ta' Marija.

Is-Sur Frank Duff, jew aħjar, Bro. Frank Duff, kif isibuh il-leġjunarji mad-dinja kollha, twieled l-Irlanda fl-1889. Huwa kien student mill-aħjar ta' Blackrock College. Kellu karriera brillanti fis-'Civil Service" Irlandiż, fejn kellu x'jaqsam b'mod partikulari mal-finanzi.

Sa mill-bidu taż-żogħżija tiegħu, kien jieħu parti attiva fis-Soċjetà ta' San Vinċenz de Paule u membru ħabrieki fl-Għaqda msejħa "Total Abstinence Association", għaqda kontra s-sokor.

Bro. Frank Duff kellu 32 sena meta l-Providenza Divina mexxietu biex jidħol bħala membru-fundatur f'għaqda oħra li ssejħet 'L-Għaqda tal-Madonna tal-Ħniena", grupp ta' lajċi ordinarji li jaħdmu fi ħdan il-Knisja. Kienu jinvistaw il-foqra, il-morda fl-isptarijiet ta' Dublin. Ġara imma, li din l-Għaqda, wara ftit taż-żmien, bil-ħidma ta' Frank Duff stess, tbiddlet u żviluppat f'wieħed mill-akbar għeġubijiet fl-istorja tal-Knisja; saret il-"LEĠJUN TA' MARIJA". Frank Duff kien il-ħmira ta' din l-għaqda l-ġdida li kompliet tiżviluppa b'mod tal-għaġeb u tixtered ma' kullimkien. Uffiċċjalment, il-Leġjun ta' Marija beda fis-7 ta' Settembru, 1921. Illum, il-membri attivi u awżiljarji tal-Leġjun jingħaddu bil-miljuni u jinsabu mxerrdin ma' kull parti tad-dinja, anke f'postijiet fejn ir-reliġjon kattolika hija ripressa u pprojbita.

Frank Duff iddedika ħajtu għal-Leġjun ta' Marija. Għalkemm huwa kellu ċans sabiħ li javanza fl-impjieg għoli li kellu fis-servizz ċivili, ta' 44 sena telaq l-impjieg li kellu biex jaħdem "full-time" għal-Leġjun. Bil-għajnuna ta' xi saċerdoti żelanti li kellu madwaru, u flimkien ma' l-ewlenin leġjunarji, Frank Duff irnexxielu jikkompila manwal ta' regolamenti li fuqu jimxu l-leġjunarji mad-dinja kollha. Dan il-Manwal jixhed il-fiduċja kbira, il-qima bla qies li huwa kellu lejn il-Verġni Mbierka.

Ta' spiss kien jinsisti li l-leġjunarji għandhom ikunu 'lsiera' tal-Madonna — għamla ta' devozzjoni (imsejħa l-Vera Devozzjoni) sponuta għall-ewwel darba mill-qaddis Lwiġi Maria de Montfort. Darba, Bro. Duff qal hekk: *"M'hemm l-ebda ġieħ li jista' jingħatali u li jagħtini sodisfazzjon ikbar milli wieħed jgħidli li jien serv tal-Madonna".*

It-tagħlim li kien joħroġ perjodikament mill-pinna ta' Frank Duff biex jifforma l-Leġjunarji sħabu kien xi ħaġa li timmeravilja, kemm għall-volum ta' kitba kif ukoll għall-profondità ta' għerf dommatiku u marjoloġiku. Sa kemm miet kien hu li dejjem kiteb l-'articolo di fondo' tal-"Maria Legionis", il-perjodiku uffiċċjali tal-Leġjun ta' Marija. Bro. Duff kiteb ħafna kotba ukoll; fosthom in-semmu "Miracles on Tap" u "Baptism of Fire", fejn insibu storja vera u dettaljata ta' l-'attakk' erojku u t-trijonf tal-Leġjun ta' Marija man-nisa tat-toroq f'Peyton Place.

Bro. Duff kien imżejjen ukoll b' "sens of humour" fin, kapaċi li jorganizza u li jagħmel ħbieb ma' kull min jiltaqa' miegħu. Sa ftit ġranet qabel ma miet (avolja kellu 91 sena), kien għadu kapaċi jagħmel taħdidiet u konferenzi twal, diskorsi bl-amment b'moħħ l-aktar luċidu bħal ta' raġel li għadu fl-aqwa ta' ħajtu. Sa ftit qabel ma miet, kien ukoll għadu jirkeb ir-rota li kienet mezz ta' trasport għalih biex jinvista ta' spiss ċentri tal-Leġjun ta' Marija (igħidulhom praesidia) fl-inħawi ta' Dublin.

Ta' min ighid li Frank Duff kellu wisq ghal qalbu l-Leġjun ta' Marija f'Malta u f'Għawdex. Ta' spiss kien jibgħat it-tislijiet tiegħu speċjali għal-Leġjunarji ta' dawn il-Gżejjer. Ftit ġimgħat qabel ma miet, huwa kellem lil Dun Rużar Borg, id-Direttur Spiritwali tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex u qallu dwar l-interess li huwa għandu li Malta sservi bħala għajn li minnha joħorġu appostli biex jikkonvertu lill-Musulmani. Qallu Frank Duff: *"Ftakru dejjem li s-sejħa tagħkom il-Maltin hi l-konverżjoni tal-Musulmani"*, u kompla: *"l-Għarab ħakmu fuqkom għal bosta snin, issa, ta' insara li intom, pattulhom billi ddaħħluhom fil-knisja".*

Lis-Sinjorina Felicia Saliba, uffiċċjal fil-Leġjun ta' Marija f'Għawdex, esprimielha kemm-il darba x-xewqa kbira li huwa kellu li naħdmu mal-Musulmani. B'serjetà liema bħalha, darba qalilha:

Nixtieq kelli l-ispazju ħalli nikteb dwar l-impressjoni ta' leġjunarji oħra Għawdxin li ltaqgħu u kellmu lil Bro. Frank Duff. Nispiċċa b'kelmtejn żgħar li qalilna s-Sur Carmelo Formosa, persuna minn San Lawrenz, Għawdex, li wkoll kellu x-xorti jkellem fit-tul lil Bro. Duff. Is-Sur Formosa qal hekk: *"Tiltaqa' ma' bniedem darba u jagħmillek impressjoni tul ħajtek kollha. Hekk għamilli Bro. Duff. It-tjieba, l-umiltà, l-esperjenza kbira kbira (jingħad li wara l-Vatikan, l-iktar informata fuq id-djoċesijiet tal-Knisja hu l-Leġjun ta' Marija), insomma tkellimt, kilt u għamiltha ma' QADDIS. Is-sempliċità fi kliemu, fl-ikel, fil-mod li jgħix, impressjonawni. Jien qatt ma smajt u rajt bniedem jitlob aħjar minnu: għall-isem ta' Ġesù fl-'Ave Maria' kien ibaxxi rasu kull darba........."*

Bro. Frank Duff kien strument denn f'idejn Ġesù u Marija li permezz tiegħu waqqfu waħda mill-aqwa (jekk mhix l-aqwa) armata fid-dinja li bħala xogħol ewlieni għandha li tkebbes ma' kull rokna tad-dinja n-nirien ta' l-Imħabba t'Alla u l-qima lejn il-Verġni Marija.

KITBA TA' **ANTON FARRUGIA**

---

Min-natura tiegħu, ir-Rużarju jitlob minna ritmu ta' skiet u ħsieb li jġegħilna nimmeditaw aktar bi profitt fuq il-misterji tal-ħajja ta' Ġesù fid-dawl ta' Marija li hi tant qrib lejH u li fih jinfetaħ għana spiritwali. (Pawlu VI).

Is-Sekulari kollha għandhom jonoraw lill-Madonna bl-akbar devozzjoni u jafdaw fil-ħarsien tagħha ta' omm il-ħajja u l-appostolat tagħhom. (Digriet: 'Apostolicam Actuositatem', 4).

---

# OUR LADY'S PLACE IN CHRISTIAN LIFE

(Continued from last issue)

A second type of devotion, less well known but extremely fruitful is the offering of one's daily actions in her honor. This does not require that extra activities be added to our programme, but simply that an extra intention be introduced into the motivation of our actions. Instead of doing them merely because they are the right thing to do, we do them with the purpose that Mary may be honored through them. This does not consume any time, and takes very little additional effort; yet it gives our works a new order of meaning and value, by making them enter into the great chorus by which the whole universe does homage to its Queen. Offering up to our Lady actions that would have been performed anyhow is not a matter of mere words, but it belongs to the basic intention motivating our activity; and in the spiritual order, the intention counts more than anything else.

St. Louis De Montfort, who is the greatest and the most reliable guide for devotion to Mary, recommends that all our actions be performed thus, for the honor of our Lady. This is a mode of life possible only to one who is constantly mindful of her; and such remembrance is as pleasing to her maternal heart as it would be to any mother. It cannot fail to win her blessing on our endeavours. It does not mean that we are acting for Mary rather than for God; on the contrary, it is a way of acting for God and the most effective way of doing so. The thought of Mary will not burden our intention, but will introduce a note of sweetness and gentleness into our duties, counteracting their drabness, and helping to keep us faithful when weariness tempt us to falter.

But paying honor to Mary is only the first step in true devotion to her. As long as we think of her primarily as one to be honored by us, rather than as one on whom we depend, our attitude fails to measure up to the reality. For in relation to her, we are not like grown-up sons and daughters paying their respects to their "dear little mother"; but rather like children who still need a mother's help. While Mary does indeed receive honor from us, she is much more one from whom we receive grace, light, and all that is necessary for spiritual growth. Hence, besides honoring her, we ought constantly to seek her help. In all our needs, temptations, and undertakings, we should have confident recourse to her as the one best suited to obtain God's blessing for us, and whatever degree of success he wishes us to have. No case is too difficult or too desperate for us to invoke her help. On the other hand, nothing is too small to trouble her about. As a mother, she takes an interest in all that we do, and does not want to be left out of any part of our lives.

St. Louis de Montfort describes this practice as the performance of our actions through Mary and with Mary. Performing them through her means, first of all, asking her for light and guidance, before undertaking anything, with the resolution to do only that which she seems to want. It seems secondly, relying on the

help that she gives us, rather than our own strenght or wisdom. Certainly, we must make use of whatever natural power we have; but on the help God gives us through Our Lady.

Acting with Mary means looking upon her as the model for our actions. It will lead us to do not only what she wants, but in the way she wants it. For, when we try to imitate, as far as we are able, the manner in which she served our Lord, she herself reaches down, and makes delicate refinements in the manner and tone of our actions which would never have occured to us, but which greatly enchance their ability to please her Son.

This kind of devotion is marked by an abiding sense of our Lady's presence in our lives. That is one reason we can be said to do all with her. The dominant note in our attitude is one of trust and confidence in her help; for this reason we are said to do everything through her. When someone is concerned merely with honoring her, his predominant attitude is one of faith. He pays homage to her because of what, by his Catholic faith, he believes her to be. But trust in Mary makes the faith "come alive" in actual reliance on her. Honor paid to her is a declaration of faith in her spiritual motherhood; trust and reliance is the living of that faith by acting in the spirit of a child towards her.

Beyond these first two degrees of devotions to Mary, lies a third, which is quite mysterious. It is known to us through the writings of some of the great Marian saints. St. Louis de Montfort describes it as living in Mary. He compares her to the Paradise in which Christ, the New Adam, was pleased to abide, and which he opens to admit his closest friends to share it with him. The attitude demanded here is not merely that of a child trusting in its mother, but that of the tiny infant who knows no one but her, whose life is wholly encompassed by her, and who has no term of reference outside of her. He goes only where she takes him and lives only by the nourishment she provides him.

In this degree of devotion to Mary, the sense of her presence is greatly intensified; but here, it is not so much that Mary is with us, but we are in her. We seem in a sense, to have vanished, and to have left place only for her. The desire to work for her honor, and the trust in her help that dominates the two previous stages are immeasurably stronger, but the dominant note no longer comes from them, but from the spirit of love. All other attitudes



are swallowed up and engulfed in this - not so as to be suppressed, but rather to be transfigured. The saying of St. John that 'God is love, and he that abides in love abides in God and God in him', takes on its full meaning here; and at the same time it becomes clear to what a degree of God has made the Blessed Virgin an associate in his love.

There is no need to speak at great length about this mysterious loving union with our Blessed Lady. A true understanding of it will come only with the experience of it, to whatever degree God sees fit to give it to us. But it is useful at least to be aware of what the saints have told us about it, because this devotion of theirs, which appears so strange in contrast with our workaday attitudes, is not in any way fantastic; it is simple realism. It is the only attitude which corresponds adequately to the truth of Mary's function in the economy of salvation. Hence it makes us realize how far our ideas fall short of grasping the full meaning of her motherhood.

There is one way in which devotion to Mary is the opposite of the child's affection for his earthly mother. In human life, we begin as children and grow to adulthood; and our attitude towards our mothers changes correspondingly. A grown man may love his mother every bit as much as he did when a child; but it is with a different sort of love. Devotion to the Blessed Virgin also undergoes development, but in the opposite direction. It usually begins with a rather adult attitute towards our Lady; but as it grows it becomes more and more the attitude of a child. Thus, spiritual maturity is a stage of spiritual childhood, and the more attitude towards Mary resembles that of the tiniest infant towards its mother, the more truly it corresponds to the reality of our dependence on her in the plan of God.

Finally, we must note the close connection between devotion to Mary and the apostolate. It is based on the fact that the Christ-life, which the apostle seeks to communicate by his words and example, is the very same life which Mary communicates interiorly by grace. A new member added to Christ's Mystical Body is a new son or daughter born in Mary's spiritual family. When one who has gone astray is brought back to the fold, an erring child is restored to his mother's embrace. Everytime a Christian begins to realize more fully the potentialities of his faith, it is the life received from Our Lady that is developing in him.

Hence genuine devotion to Mary does not let piety take the place of vigorous apostolic effort. It would be false to speak affectionately to her, while disregarding her most earnest wish. Likewise, it would be a misguided apostolate that neglected to turn to Mary for inspiration and collaboration. Those engaged in apostolic labors are employed in her service, whether they are conscious of it or not. They are her agents, - emissaries whom she sends to her straying children and they need her cooperation, without which their efforts would be vain. But they can also count on the powerful support of her maternal love, which will spare nothing to gain or reclaim the children God has destined for her; and they can be sure of her special affection for themselves in the task accomplishing her dearest work.

# ĊEKLEM ĊEKLEM SA TA' PINU

Novella ta' J.C.

Il-qanpiena l-kbira tax-Xagħra kienet għadha kemm ħabbret il-Paternoster meta Furtun u Lonza ħarġu mir-razzett tagħhom finnaħa 'Tal-Għejjun' u ċeklem ċeklem, fuq karettun miġbud minn ħmara, bdew triqthom lejn ta' Pinu biex ikomplu wegħda li Lonza, f'mument ta' biki u qtiegħ il-qalb, kienet għamlet mal-Madonna Ta' Pinu meta xi xhur qabel, Bertu, il-pulizija tar-raħal, kien ġie ġabilha l-aħbar ħażina li binha Pawlu kien ġie rraportat nieqes wara attakk mill-Ġermaniżi fuq il-frejgata li fuqha kien imbarkat.

Kemm kienet bkiet u għajtet f'dak il-jum ikrah. Għalxejn Bertu, u wara anke l-Arċipriet kienu fehmuha li mhux bil-fors li binha kien għereq kif kienet deffset f'moħħha hi. Għalxejn kienu ppruvaw ifehmuha li binha seta' qabad ma' njama u tkaxkar mal-kurrent. 'Imma kieku ma sabuhx?" kienet staqsiet b'jiesha maqtugħ Lonza. "Binti", kien qalilha l-Arċipriet, "il-firxa tal-baħar hija enormi u mhux lakemm iddurha u la darba m'hemm l-ebda xhieda li Pawlu ġie korrut waqt l-attakk, għad hemm it-tama li jinstab qawwi u sħiħ...... Agħmel kuraġġ u jekk Alla jrid, bil-għajnuna ta' Ommna Marija Bambina, Pawlu jinstab qawwi u sħiħ" kien temm iqawwilha qalbha l-Arċipriet.

Kien l-isem ta' Marija li nissel tama f'qalb Lonza u f'dak il-ħin ftakret fil-Madonna ta' Pinu u fil-grazzji kbar li diversi devoti kienu jsemmu li ġew maqlugħa minn din il-Madonna. F'dan il-mument, Lonza għamlet wegħda li, jekk binha jinsab qawwi u sħiħ, hi tmur Ta' Pinu tinvista lill-Madonna u toffrilha flixkun żejt biex jinxtegħel fil-lampier tal-Kappella. U qalbha qawwija fil-Madonna, Lonza damet ġranet, imbagħad ġimgħat u wara xhur tibki u titlob lill-Madonna biex issalvalha lil binha Pawlu. Imma donnha l-Madonna ma riditx tisma' l-biki tagħha, u jum wieħed ingħalqet quddiem santa tal-Madonna u fetħet qalbha iżjed mis-soltu: "Int taf Madonna li jien m'għandi 'l ħadd ħlief lil Pawlu ... jekk ma ġġibulix lura int min jista' jġibu Madonna? ... salvah int Madonna ... ismagħni u salvah" u nfexxet tibki bħal tarbija imċanfra minn ommha.

Sewwa sew f'dan il-mument ta' swied il-qalb u fl-istess ħin ta' tama, instemgħet taħbita goffa fuq il-bieb u vuċi ta' raġel tgħajjat: "Lonza ... Lonz ... Lonza ... iftaħ għax għandi aħbar tajba għalik ... Lonz ... Lonz ..." Għall-ewwel Lonza baqgħet issummata mhix ċerta jekk semgħetx tajjeb min isejħilha, imma mbagħad bħal qalbha ħebritha, mesħet għajnejha bil-fardal u ġriet lejn il-bieb ta' barra. Kif fetħet sabet lil Bertu b'karta f'idu li bi tbissima, beda jgħidilha: 'Pawlu orrajt, Pawlu orrajt Lonz, sabuh, qiegħed Lixandra, l-Eġittu".

"Pawlu ... Pawlu...", bdiet ittemtem Lonza.

"Iva Lonz, qawwi u shiħ, hawn ara ġie issa t-teleforn, issa issa għadhom kemm ċemplu minn Malta u ġejt niġri ngħidlek".

Lonza lanqas saħħa tirringrazzja lil Bertu ma kellha avolja ħasset li kellha tagħmel dan, għalhekk mill-ġdid, bid-dmugħ f'għajnejha, ġriet għal fuqu u għanqitu magħha waqt li minn taħt l-ilsien qdiet tgedwed, "Il-Madonna ta' Pinu semgħetni u salvatu."

Avolja Bertu kien ġolf m'għola hawn, qabiżlu d-dmugħ għall-emozzjoni ta' dik l-omm wiċċha mixrub bin-niket. Imbagħad taptpilha fuq spallitha u beda jgħidilha, "Issa agħmel kuraġġ, Lonz, l-aqwa li nstab qawwi u shiħ." U kif inġibdet lura minn miegħu staqsieha fejn kien Furtun biex imur jagħti l-aħbar it-tajba lilu wkoll.

"Le, ... le, immur jien, immur jien", sabet bħal f'daqqa l-kliem Lonza, u bla kliem u bla sliem, telqet tiġri lejn Ta' Gajdoru fejn Furtun kien qiegħed jiżra' l-ful.

Fl-għalqa stess, Lonza qalet lil Furtun bil-wegħda li kienet għamlet lill-Madonna u kompliet, "issa għandi seba' mitt sena sakemm immur Ta' Pinu."

"Immorru ..." kienet l-unika kelma li seta' jlissen Furtun x'ħin rass miegħu lil martu, għadma u ġilda.

"Immorru nhar l-Erbgħa li ġejja stess", kompliet ħerqana Lonza, "immorru fil-għodu biex nisimgħu l-quddies u nitqarbnu u, bilħaqq, nieħdu flixkun żejt lill-Madonna għax hekk għamiltha l-wegħda jien" kompliet tħeġġu Lonza b'wiċċha mixgħul bi tbissima, ħaġa li Furtun kien ilu ma jara iżjed minn sitt xhur.

U hekk waslet l-għodwa tal-Erbgħa, jum il-Madonna, kif kienu jgħidu l-anzjani tagħna, meta Għawdex bi ħġaru kien iżur il-Madonna Ta' Pinu. Furtun u Lonza lanqas kellhom sabar jorqdu minn nofs il-lejl ta' sbiħ dan il-jum u speċjalment Lonza kienet il-ħin kollu tissemma' l-arloġġ tal-parroċċa li ma jmorrux iqumu tard. Għall-ħabta tat-tlieta qamu, libsu l-ilbies tal-knisja u armaw il-ħmara għal-lest fl-isqaq. Imbagħad, kif kienu bilqiegħda fl-intrata jistennew il-ħin igħaddi, Lonza ġieha f'moħħha kif kienu ser iqassmu t-talb u rużarju matul it-triq.

"L-aħjar", bdiet tfiehem lil Furtun, "li ngħidu t-tliet Rużarji, ngħidu l-kurunella tal-Vitorja u tal-Karmnu għax dawk it-tnejn tal-Parroċċa tagħna".

"Dak inħalli f'idejk Lonz", irrisponda Furtun, "għax jien ħlief it-talba ta' San Ġużepp u tal-qaddis tiegħi San Furtunatu ma naf xejn."

Kienu hekk mehdijin jitkellmu fuq it-talb meta "booom", ħabbret il-Paternoster il-qanpiena sabiħa tax-Xagħra. Minnufih Furtun u Lonza ħarġu jiġru għad-dawl ta' lampa tar-riħ li dendlu taħt il-karettun biex ma tidhirx mill-ajru, rikbu, tkebbu l-wieħed f'kapott ta' abbord u l-oħra fl-għonnella u xall iswed li t-tifel kien ġabilha minn Ġibiltà, u bil-kuruni f'idejhom u bl-"Alla tagħna, isma' t-talb tagħna" taw bidu għall-pellegrinaġġ ta' xi siegħa u nofs lejn l-Għarb fi dlam ċappa u kesħa fina ta' qabel is-sebħ.

Kien hemm tajjeb li t-triq kienet tat-torba tbajjad fid-dalma u hekk wieħed, għalkemm ma kienx jara l-bogħod iżjed minn tefgħa ta' ġebla seta', bl-għajnuna ta' ftit dawl taħt il-karettun, jivvjaġġja mingħajr biża' li jiekol xi ħajt jew isib ruħu ġo xi għalqa. Għax billi kienet il-gwerra, ma kienux permessi dwal qawwija. Il-pulizija kienet tippermetti biss lampa b'dawl bati moħbija bħal ta' Furtun u Lonza, b'ordni stretta li jekk jinstema' xi ħoss ta' ajruplan, anke dan id-dawl kellu jintefa' minnufih.

Rekbin fuq il-karettun bil-ħmara tpassi, malajr għaddew mit-Taflija għal tal-Qaċċa u sabu ruħhom ta' Ħamet meta kienu diġà qalu l-ħamsa tal-Glorja. Hawn ħdejn il-kappella tal-Karmnu Lonza bdiet il-kurunella tal-Karmelu (kif kienet tgħid hi). Furtun fakkarha wkoll fl-erwieħ billi f'dik in-naħa hemm ukoll iċ-ċimiterju tal-Barmil u hekk, b'dan it-talb, għaddew it-triq kollha tal-Imgħajjen sakemm waslu ħdejn dik id-dar il-ħamra mlaqqma bħala Tal-Ħares fejn Lonza ħeġġet lil Furtun biex jitolbu ħafna għal ruħ il-ħares għax ommha kienet għallmitha li l-ħares ma kienx għajr xi ruħ tiġġerra li kellha bżonn ta' ħafna talb.

Ħdejn l-imtieħen Tal-Erba', bdiet it-tieni rużarju, tal-Ferħ. Forsi għażlet tal-Ferħ għax Lonza ħadet ir-ruħ meta għaddew minn ħdejn id-dar tal-ħares u la raw lożor bojod u lanqas semgħu krib jew ħsejjes strambi ta' barra minn hawn (kif kienu jmexxuha dawk li kellhom kull interess li ħadd ma jersaq lejn dik id-dar imwarrba). Billi issa kienet ġejja t-telgħa tat-tiġrija, Furtun qal lil Lonza biex kemm tista' tersaq 'il quddiem u hu niżel jimxi biex il-bhima ma tbatix u fl-istess ħin isaħħan ftit saqajh li kienu ibbisulu mdendlin fuq is-salib tal-karettun. Kif telgħu t-Tokk, ir-riħa tal-kafè f'dik is-sirda ta' fil-għodu, lil Furtun qasmitlu qalbu u "Lonz, tridx nieħdu kafè minn għand Ta' Ġwann?" qal lil martu bla ma ried.

"Mela ma tafx li rridu nitqarbnu, Furt?", ħatfitu Lonza.

"Iva, iva, Lonza, kompli r-Rużarju u, bil-ħaqq, issa la tispiċċa tal-Ferħ ftakar f'dawk il-qaddisin t'hawn, San Ġakbu, San Ġorġ u nsomma l-oħrajn tal-knejjes l-oħra tar-Rabat", irranġa ftit is-sitwazzjoni Furtun li issa kien reġa' rikeb. Naturalment Lonza obdietu u, kif spiċċaw tal-Ferħ, ħdejn il-ħaddied ta' Karlu, bdiet tgħid xi paternoster f'ġieħ il-qaddisin li kien semmielha Furtun. Imbagħad, taħt Ta' San Ġużepp, Furtun beda jgħid it-talba ta' dan il-qaddis protettur tal-agonizzanti, liema talba kien tgħallem minn Peppi billi dan kien igħidha kuljum wara r-Rużarju fil-parroċċa qabel il-barka.

Issa kienu qorbu lejn tal-Ħamimiet fejn, fuq in-naħa tax-xellug hemm il-Madonna tas-Sokkors f'Ta' Kerċem u Lonza qalet ħmistax il-avemarija f'ġieħ din il-Madonna. U billi fuq in-naħa l-oħra, fl-Għasri, hemm il-Corpus, il-Ġisem tas-Sinjur, Lonza qalet ukoll il-kurunella tas-Sagrament li wasslithom ftit lil hemm mit-telgħa tat-Torri fejn Lonza fakkret lil Furtun f'San Mitri ġewwa l-Għarb, li kien salva t-tifel ta' Żgugina, u San Pupulju, l-ewwel isqof, li għandu l-kappella ftit 'l hemm minn ta' Pinu. It-talb lil dawn il-qaddisin wassal il-pellegrini tagħna sa ras it-telgħa taċ-Ċimpli.

Hawnhekk kienu waslu fl-aħħar biċċa u Lonza biddlet anke x-xejra li l-pellegrinaġġ kien ħa s'issa. Malajr niżlet minn fuq il-ka-

rettun u qalet lil Furtun jagħmel l-istess "għax s'issa għadna ma għamilniex ftit penitenza" qaltlu waqt li anke neżgħet minn saqajha qorq iswed li kienet liebsa biex tħoss il-kesħa. Furtun għamel l-istess u tgħidx kemm sofra billi kellu x-xquq tas-safra. Imbagħad it-tnejn intefgħu quddiem ras il-ħmara u Lonza bdiet tat-Tbatija.

Mas-Salve Regina waslu quddiem iz-zuntier. Hemmhekk rabtu l-bhima, tfew il-lampa u jitolbu skond il-fehma tal-Papa u ħafna intenzjonijiet oħra, daħlu l-knisja fejn baqgħu telgħin fil-kappella flimkien ma' ħafna devoti oħra li kienu ġew qabilhom. Hemmhekk komplew Litanija tal-Madonna u, wara li għamlu vista, Furtun mar fis-sagristija bil-flixkun taż-żejt f'idu u, waqt li ta dan iż-żejt lil Toni s-sagristan, wera x-xewqa tiegħu u ta' martu li jqerru. Dun Ġużepp Portelli malajr mar ħafrilhom dnubiethom u hekk setgħu jisimgħu l-quddies u jitqarbnu.

Billi kienet l-Erbgħa, kien hemm ħafna quddies, u flok quddiesa semgħu tnejn, għax Lonza riedet toffri quddiesa għall-bżonnijiet tal-paċi, ħaġa li kellhom bżonnha wisq dawn il-gżejjer fil-bidu tas-snin erbgħin. Meta lestew kollox u Lonza għal elf darba talbet għal binha u għal elf darba irringrazzjat lill-Madonna talli kienet salvatilha lil Pawlu, u reġgħet talbet għall-paċi biex binha jiġi lura, u għall-midinbin u għal dawk li mietu fil-gwerra, u invistat lil Karmni ta' Pori fil-kappella tal-Kunċizzjoni u għamlet ma nafx kemm-il riverenza u ħaslet moħħha bl-ilma mbierek, u tefgħet ftit soldi fil-kaxxa ta' ħdejn il-bieb, id-devoti tagħna ħarġu mill-knisja u, meta l-arloġġ tal-Għarb kien qiegħed idoqq is-sitta u nofs, qabdu triqthom lura lejn ix-Xagħra ferħanin li kienu qdew dmirijiethom.

---

Jaqbad minn paġna 114

ir-rigal tajnihulu permezz ta' Marija Verġni, li hija l-aqwa u l-isbaħ u l-eqdes frott ta' artna u ta' ġensna. Fit-tieni Milied, cioè fit-twelid Tiegħu f'ruħna, Ġesù jtina r-rigal kbir Tiegħu: in-natura divina, jagħmilna wlied Missieru, ulied id-dawl, ulied il-jum, kif San Pawl iħobb isejjaħ lill-insara (**ara: 1 Tess** 5, 5; **Efesin** 5, 8). U fit-tielet Milied, fil-mewt tagħna Huwa jtina l-eredità ta' Missieru u Missierna, il-Ħajja Eterna, il-Ġenna, kif irid jaċċertana San Pawl meta jgħidilna fl-Ittra tiegħu lir-Rumani: **"Jekk aħna wlied, aħna wkoll werrieta, werrieta ta' Alla, werrieta ma' Kristu."** (8, 17)

Dawn huma t-tliet aspetti tal-Milied: twelid ta' Ġesù f'Betlem, Ġesù jissebbaħ bin-natura tagħna; huwa dan it-twelid ġrajja storika. It-tieni aspett: it-twelid ta' Ġesù f'ruħna permezz tal-grazzja: aħna nsiru nixbhu Lilu, insiru wlied adottivi ta' Alla: huwa dan it-twelid realtà sagramentali. U t-tielet aspett: Ġesù jiltaqa' għal dejjem magħna fil-mewt tagħna permezz tal-Glorja: hawn isimna jitniżżel, biex qatt ma jitħassar, fil-ktieb tal-Ħajja, kif jiżgurana San Ġwann fl-Apokalissi: **"Min jirbaħ, jitlibbes bl-abjad, u ma nħassarx ismu mill-ktieb tal-ħajja"**. (3, 5; **ara**: 21, 27)

Fl-ewwel Milied Ġesù strieħ fil-maxtura ta' Betlem; fit-tieni Milied Ġesù jistrieħ fil-maxtura ta' qalbna u ta' moħħna; u fit-tielet Milied Ġesù jrid iserraħna fil-maxtura tal-glorja eterna tal-Ġenna!

# F'Ta' Pinu ukoll għandna:

# *Centru Kulturali Marjan*



**Ftuħ uffiċċjali u tberik taċ-Ċentru Kulturali Marjan ta' Pinu mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi**

**Nota karatteristika tad-Duttrina Kattolika ta' l-aħħar seklu kienet l-interess kbir fl-evuluzzjoni tat-tagħlim dwar il-Madonna. Bid-definizzjoni tad-Dommi tal-Immakulat Konċepiment u tal-Assunzjoni ta' Marija, flimkien mal-ħafna dokumenti Papali li jirrigwardaw il-Madonna, fid-dinja kiber mhux biss it-tagħlim dwarha, imma l-insara komplew jintlew bil-fidi u l-imħabba lejn din l-Omm tagħna tas-Sema.**

**ĦTIEĠA TAT-TAGĦLIM**

Il-Protestanti, li minn dejjem ippruvaw ixejnu l-pożizzjoni ta' Marija fil-misteru tar-Redenzjoni, ħafna drabi ħassewhom offiżi meta raw b'liema ħeffa kien qed jixtered il-kult lejn il-Madonna. Anki xi Kattoliċi lmentaw dwar il-qima kbira li kienet bdiet tingħata lill-Madonna, għax ħasbu li b'hekk kienet ser tonqos il-qima li tmiss lil Alla waħdu. Biex dawn l-idejat żbaljati ma jinxterdux u

biex tikber fost il-fidili d-devozzjoni awtentika lejn Marija hemm bżonn ta' tagħlim teoloġiku sod. U allura minn hawn tidher il-ħtieġa tal-Libreriji u taċ-Ċentri Marjani.

## ĊENTRI U LIBRERIJI MARJANI FID-DINJA

Il-pijunier ta' dawn iċ-Ċentri Marjani, li llum huma mxerrda f'bosta pajjiżi fid-dinja, jidher li kien José Mariá Escolá Cugat, missjunarju li fl-1862 waqqaf l-ewwel Ċentru Marjan f'Lérida, fi Spanja. Dan iċ-Ċentru llum żviluppa f'istituzzjoni ta' fama internazzjonali, li tippubblika u tiċċirkula bi prezzijiet l-aktar baxxi kotba dwar il-Madonna, torganizza kompetizzjonijiet Marjani u għandha ħafna membri, saħansitra barra minn Spanja, l-aktar fil-Venezuela u fil-Filippini.

L-ideja tal-librerija Marjana nistgħu ngħidu li prattikament bdiet fl-1904 bit-twaqqif tal-Librerija Marjana ġewwa Ruma. Din il-Librerija twaqqfet mill-Patrijiet Serviti ta' Marija bħala tifkira tal-Ġublew tad-Deheb tad-definizzjoni tad-Domma tal-Immakulata Konċezzjoni. Din il-Librerija famuża kellha tkun in-nukleu li madwarha, fl-1945, inbena ċ-Ċentru Marjan Internazzjonali li jippubblika ħafna xogħlijiet Marjani.

Dawn il-libreriji Marjani llum insibuhom f'ħafna pajjiżi. Jeżistu f'Pontmain, Vauban, u Dreux fi Franza; f'Banneux fil-Belġju u f'Benburg fl-Irlanda ta' Fuq. Fil-Kanada nsibu is-"Centre Marial Canadien" u librerija marjana magħrufa ħafna. Ta' min isemmi wkoll il-Librerija Marjana fl-Università ta' Dayton, il-"Mullen Library" ta' l-Università Kattolika ta' l-Amerika, il-Librerija Marjana li tinsab fil-Kulleġġ Marjan ta' Poughkeepsie N.Y., u ma' dawn ukoll iċ-Ċentru Marjan u l-Librerija li twaqqfu fi New York mill-Karmelitan Fr. Donald Maria O'Callaghan fis-sena 1954. Ċentri Marjani oħra mingħajr librerija nsibuhom anke f'Bay Shore N.Y. u f'Chicago.

## ĊENTRU KULTURALI MARJAN F'TA' PINU

Ċentru Marjan u Librerija ta' din ix-xorta nfetaħ ukoll f'dawn l-aħħar snin fid-Djoċesi tagħna ta' Għawdex. Għalkemm iċ-Ċentru Kulturali Marjan ta' Pinu ilu biss tliet snin li ġie miftuħ uffiċċjalment, diġà nistgħu ngħidu li wettaq diversi ħidmiet biex jilħaq l-iskop ewlieni tiegħu: li jinxtered it-tagħlim u jkabbar il-qima u l-imħabba lejn il-Madonna.

Fiċ-Ċentru Marjan ta' Pinu, insibu Librerija Marjana. Għalkemm il-Librerija Marjana tagħna għadha relattivament żgħira ħafna meta nipparagunawha ma' Libreriji Marjani oħra li nsibu fi Franza, fil-Belġju u fl-Amerika, però fil-ftit snin li din il-librerija ilha tinbena, diġà għandha numru sabiħ ta' kotba dwar il-Madonna bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan, bil-Franċiż u b'diversi lingwi oħra.

Fiċ-Ċentru Marjan ta' Pinu nsibu wkoll numru ta' filmini u films dwar il-Madonna. Sa issa, dawn għadhom f'numru żgħir, però hemm il-ħsieb li jkollna aktar minnhom 'il quddiem.

F'dawn l-aħħar snin, iċ-Ċentru Kulturali Marjan ta' Pinu organizza diversi attivitajiet għat-tfal u l-istudenti. Fost dawn, ta' min isemmi in-Nofs ta' Nhar Flimkien għat-Tfal Għawdxin li sar is-Sibt, 7 ta' Diċembru, 1979, fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tat-Tfal; il-Kompetizzjoni Marjana u ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristiko-Marjana li ġew organizzati matul is-sena 1980 li kienet sena tal-Qawmien Spiritwali Marjan.

Però l-akbar u l-aqwa inizjattiva taċ-Ċentru Kulturali Marjan ta' Pinu hija dik li issa, bħaċ-Ċentri Marjani l-kbar tad-dinja, għandu r-Rivista tiegħu li ntlaqgħet ferm tajjeb mhux biss f'Malta u Għawdex, imma anke f'pajjiżi oħra fejn intbagħtet barra minn Malta. L-iskop tar-Rivista "Madonna Ta' Pinu" huwa dak li fil-qlub tal-insara tikber dejjem aktar il-fjamma tal-imħabba lejn Ommna Marija. Aktar ma tikber fl-insara l-imħabba lejn Marija, aktar dawn jikbru fl-imħabba tagħhom lejn Binha Ġesù.

Għalkemm iċ-Ċentru Kulturali Marjan Ta' Pinu ilu diġà miftuħ tliet snin, dan għadu, nistgħu ngħidu, fit-twelid tiegħu. Nisperaw li, bil-għajnuna tal-Madonna, bil-koperazzjoni tad-devoti tagħHa u bil-ġenerożità tal-benefatturi, dan iċ-Ċentru għad ikabbar l-attività tiegħu biex hekk jilħaq l-iskop li għalih ġie mwaqqaf.



**Tberik tal-Librerija Marjana mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi**

# IS-SLIEM GHALIK



Id-Dinjità ta' Omm Alla tiġi immedjatament wara dik ta' l-istess Alla.

**(S. Albertu l-Kbir).**

*O Marija, o xbejba li mhawnx bħalek, int l-ogħla kreatura, il-ġmiel tiegħek jisboq lil kwalunkwe ġmiel ieħor; inti waħdek tgħaddi lil kollha kemm huma l-ġerarkiji ċelesti!*

**(S. Girgor Nazjanzenu).**

**Fit-Testment il-Qadim kienet ħaġa kbira illi l-Anġli jidhru lill-bnedmin, u kien unur kbir għal dawn (il-bnedmin) li jqimuhom. Għalhekk il-Ġenesi fil-Kap. XVII vers 2 iġib, b'tifħir lil Abram, il-fatt li dan laqa' lit-tlitt Anġli u tahom il-qima tiegħu. Imma li Anġlu offra l-qima tiegħu lill-kreatura umana ma nstama' qatt qabel Gabriel sellem lil Marija u bil-qima qalilHa "AVE".**

**(S. Tumas).**

Il-qerq ta' Eva ġieb il-mewt: il-kunsens ta' Marija ta lid-dinja s-Salvatur. Permezz ta' Marija jissewwa dak kollu li kien intilef permezz ta' Eva.

**(S. Ġwann Grisostmu).**

*Sliem Għalik Marija! Kliem ta' rassenjazzjoni nisranija. Kliem li jgħallimna li għandna nilqgħu it-tbatija u s-sagrifiċċju bħala siġill tal-imħabba t'Alla.*

**(Mons. Salv Bartoli Galea).**

**Il-privileġġi kollha ta' grazzja, mogħtijin lill-oħrajn kollha, ġew mogħtijin lil Marija b'manjiera aktar perfetta u abbundanti għaliex dawn jinsabu miġburin kollha fid-dinjità stess ta' Omm Alla.**

**(S. Albertu l-Kbir).**

Marija hi t-teżoriera b'Ġesù bħala t-teżor tagħha. Hu Ġesù Nnifsu li tippossiedi u lilu Nnifsu li hi tagħti.

**(S. Pietru Ġuljanu Eymard).**

# WARDA LIL MADONNA

KULL ABBONAMENT HUWA WARDA LIL MADONNA.
AKTAR ABBONAMENTI: AKTAR WARD LIL MADONNA.
L-ABBONAMENTI HUMA TURIJA TA' QIMA LIL MADONNA.



**Iġbor Abbonati**

**Għar-Rivista**

**"Madonna ta' Pinu"**

- XERRED DEJJEM L-ISTAMPA T-TAJBA
- ĦAJJAR LILL-OĦRAJN JAQRAW LETTERATURA MARJANA.

N.B. Tingħata tifkira tal-Madonna ta' Pinu lil min jibgħatilna aktar minn żewġ abbonamenti ġodda.

Ibgħat l-indirizzi ta' l-abbonati l-ġodda lil:

Amministratur,
"Madonna Ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu — Għawdex.



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hi magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madanakollu marbuta flimkien mar-razza ta'Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu)....għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tivveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*